Bullettin ta' l-Arċidjoċesi Nru. 114 Marzu/April 2002

# BULLETTIN TA' L-ARĊIDJOĊESI



# BULLETTIN TA' L-ARĊIDJOĊESI

**Nru. 114** **Marzu/April 2002**

# WERREJ

DOKUMENTI MILL-VATIKAN
Address of John Paul II to the Tribunal of the Roman Rota 81
Ittra tal-Papa Ġwanni Pawlu II lis-Saċerdoti
għal Ħamis ix-Xirka 2002 88
Messaġġ tal-Papa Ġwanni Pawlu II
għat-36 Jum Dinji tal-Komunikazzjoi Soċjali 99
Ittra lis-saċerdoti minn Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca
f'għeluq il-Ħamsin Sena mill-ordinazzjoni
saċerdotali tiegħu 104
ĊIRKOLARITAJIET TAL-KURJA
50 anniversarju ta' l-Ordinazzjoni Saċerdotali
ta' Monsinjur Arċisqof (Ċirkulari numru 427) 108
Ġimgħa ta' Sagrifiċċju 2002 (Ċirkolari numru 428) 109
DOKUMENTI OĦRA TAL-KURJA
Prayer vigil for peace – Messaġġ ta' Merħba
minn Mons Arċisqof Ġużeppi Mercieca 110
Festa ta' San Franġisk de Sales, patrun tal-Ġurnalisti
Messaġġ ta' Mons Arċisqof Ġużeppi Mercieca 111
Ċelebrazzjoni tal-Kandlora
Konċelebrazzjoni fil-Kon-Kattidral 115
Kummissjoni ta' Esperti dwar il-każ tal-Madonnna
ta' l-Għar 116
It-Tagħlim tal-Knisja dwar is-seħer u l-magħmul 117
Ċelebrazzjoni tal-Kandlora 2002 – Messaġġ ta'
Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca 118
Stqarrija ta' l-Isqfijiet Maltin dwar sehem Malta
fil-Konvenzjoni Ewropea 121

Sessjoni oħra ta' l-Assemblea tas-Sinodu
Se jiġu diskussi l-viżjoni ta' Knisja, iż-żwieġ u l-familja, u x-xandir tal-kelma 122
Funeral ta' l-E.T. Agatha Barbara, ex-President ta' Malta
Omelija ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca 123
Konkluża l-ewwel parti tal-ħidma tal-Kummissjoni ta' Esperti dwar il-każ tal-Madonna ta' l-Għar 125
L-Għaqdiet u l-Movimenti Kattoliċi tal-Lajċi jiffokaw fuq il-karizmi 126
Direttorju ġdid tal-Knisja f'Malta 127
Ġublew tad-deheb saċerdotali ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca 128
Arċipriet ġdid fil-parroċċa tal-Birgu 129
Kjarifika dwar dak li qal l-Arċisqof fuq il-wirt naturali u ambjentali 130
Ir-raba' Bijennali ta' l-Arti Nisranija Kontemporanja f'Malta 131
Id-diskorsi ta' l-Arċisqof fis-sena 2001 miġbura fi ktieb 132
Ittra ta' l-Arċisqof lis-saċerdoti 133
Kappillan ġdid f'Ħad-Dingli 134
Awguri tal-Papa lill-Arċisqof fl-okkażjoni tal-50 anniversarju ta' l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu 135
Kjarifika dwar kummenti fuq laqgħa ta' l-Arċisqof mal-Bord ta' l-Ippjanar u l-Ambjent 136
Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fl-10 anniversarju tar-Radju RTK
Messaġġ Ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca 137
Sessjoni oħra ta' l-assemblea tas-sinodu
Se jiġu diskussi d-djakonija, ġustizzja, liturġija u sagramenti 141
Saċerdoti u reliġjużi li l-Mulej sejjaħ għal għandu 142

ISBN: 99932 – 616 – 8 – 8

Produzzjoni: Media Centre Publications
Issettjat u stampat fil-Media Centre, Blata l-Bajda

# ADDRESS OF JOHN PAUL II
## to the Prelate auditors, Officials and Advocates of the Tribunal of The Roman Rota

1. I cordially thank Monsignor Funghini, the Dean, who, while expressing your sentiments of respect and concern, explained your daily labour with comments and statistics that stress the serious and complex matters on which you must render a decision. The solemn inauguration of the new judicial year gives me the welcome chance for a cordial meeting with all those who carry out the mission of justice in the Tribunal of the Roman Rota - Prelate Auditors, Promoters of Justice, Defenders of the Bond, Officials and Advocates - to show them my appreciation, my esteem and encouragement. The administration of justice in the Christian community is a precious service, because it constitutes the indispensable premise for authentic charity. Judical activity is a form of pastoral service.

Your judicial activity, as the Dean has stressed, is directed above all to causes of matrimonial annulment. On this subject, together with other ecclesiastical tribunals and with a special role among them, that I emphasized in *Pastor Bonus* (cf. art. 126), you constitute a particular institutional expression of the solicitude of the Church in judging, according to truth and justice, the delicate matter of whether or not a marriage exists. This mission of the tribunals in the Church, an indispensable contribution, belongs to the whole area of the pastoral service to marriage and family life. The pastoral aspect itself calls for the constant effort to develop more fully the truth about marriage and the family, even as a necessary condition for administering justice in this field.

2. The essential properties of marriage - unity and indissolubility (cf. CIC, can. 1056; CCEO, can. 776 3) - offer an opportunity for a fruitful reflection on marriage. Today, taking up what I treated last year in my discourse on indissolubility (cf. AAS, 92 [2000], pp. 350-355), I want to examine indissolublity as a good for spouses, for children, for the Church and for the whole of humanity.

A positive presentation of the indissoluble union is important, in order to rediscover its goodness and beauty. First of all, one must overcome the view of indissolubility as a restriction of the freedom of the contracting parties, and so as a burden that at times can become unbearable. Indissolubility, in this conception, is seen as a law that is extrinsic to marriage, as an "imposition" of a norm against the "legitimate" expectations of the further fulfilment of the person. Add to this the widespread notion that indissoluble marriage is only for believers, who cannot try to "impose" it on the rest of civil society.

3. To give a valid and complete response to this problem one must begin with the word of God. I am thinking concretely of the passage of the Gospel of Matthew that recounts Jesus' conversation about divorce with some Pharisees and then with his disciples (cf. Mt 19,3-12). Jesus goes radically beyond the debates of his day concerning the factors that could justify divorce asserting: "For your hardness of heart Moses allowed you to divorce your wives, but from the beginning it was not so" (Mt 19,8).

According to the teaching of Jesus, it is God who has joined man and woman together in the marital bond. Certainly this union takes place with the free consent of both parties, but this human consent concerns a plan that is divine. In other words, it is the natural dimension of the union and, more concretely, the nature of man created by God himself that provides the indispensable key for interpreting the essential properties of marriage. The further reinforcement that the properties obtain in Christian marriage by virtue of the sacrament (cf. can. 1056) is based on a foundation of natural law that, if removed, would make incomprehensible the very work of salvation and elevation of the conjugal reality that Christ effected once and for all.

4. Countless men and women of all times and places have complied with this divine and natural plan, even before the Saviour's coming and a great many others have done so after his coming, even without knowing him. Their freedom expands to the gift of God, both at the moment of their marriage and throughout their entire conjugal life. Yet the possibility always exists of rebelling against that loving plan: then returns the "hardness of heart" that had led Moses to permit divorce but which Christ

definitively overcame. To such situations as these, one has to respond with the humble courage of faith, a faith that supports and corroborates reason itself, to enable it to carry on a dialogue with all who are in search of the true good of the human person and of society. To treat indissolubility not as a natural juridical norm but as a mere ideal empties of meaning the unequivocal declaration of Jesus Christ, who absolutely refused divorce because "from the beginning it was not so" (Mt 19,8).

Marriage "is" indissoluble: this property expresses a dimension of its objective being, it is not a mere subjective fact. Consequently, the good of indissolubility is the good of marriage itself; and the lack of understanding of its indissoluble character constitutes the lack of understanding of the essence of marriage. It follows that the "burden" of indissolubility and the limits it entails for human freedom are no other than the reverse side of the coin with regard to the good and the potential inherent in the marital institution as such. In this perspective, it is meaningless to speak of an "imposition" by human law, because human law should reflect and safeguard the natural and divine law, that is always a freeing truth (cf. Jn 8,32).

Pastoral care entails clarity about indissolubility and the support of marital love and communion

5. This truth about the indissolubility of marriage, like the entire Christian message, is addressed to the men and women of every time and place. In order to make that a reality, testimony to that truth must be given by the Church and, in particular, by individual families as "domestic Churches" in which husband and wife recognize that they are bound to each other forever by a bond that demands a love that is ever renewed, generous and ready for sacrifice.

One cannot give in to the divorce mentality: confidence in the natural and supernatural gifts of God to man prevents that. Pastoral activity must support and promote indissolubility. The doctrinal aspects should be transmitted, clarified and defended, but even more important are consistent actions. Whenever a couple is going through difficulties, the sympathy of Pastors, and of the other faithful must be combined with clarity and fortitude in remembering that conjugal love is the way to work out a positive solution to their crisis. Given that God has united them by means of an indissoluble bond, the husband and wife by utilizing all their human

resources, together with good will, and by, above all, confiding in the assistance of divine grace, can and should emerge from their moments of crisis renewed and strengthened.

6. When one considers the role of law in marital crises, all too often one thinks almost exclusively of processes that ratify the annulment of marriage or the dissolution of the bond. At times, this mentality extends even to canon law, so that it appears as the avenue for resolving the marital problems of the faithful in a way that does not offend one's conscience. There is indeed some truth to this, but these eventual solutions must be examined in a way that the indissolubility of the bond, whenever it turns out to be validly contracted, continues to be safeguarded. The attitude of the Church is, in contrast, favourable to convalidating, where possible, marriages that are otherwise null (cf. CIC, can. 1676; CCEO, can. 1362). It is true that the declaration of the nullity of a marriage, based on the truth acquired by means of a legitimate process, restores peace to the conscience, but such a declaration - and the same holds true for the dissolution of a marriage that is *ratum non consummatum* or a dissolution based upon the privilege of the faith - must be presented and effected in an ecclesial context that is totally favourable to the indissolubility of marriage and to family founded upon it. The spouses themselves must be the first to realize that only in the loyal quest for the truth can they find their true good, without excluding a priori the possible convalidation of a union that, although it is not yet a sacramental marriage, contains elements of good, for themselves and their children, that should be carefully evaluated in conscience before reaching a different decision.

7. The judicial activity of the Church, which is always at the same time genuinely pastoral activity, draws its inspiration from the principle of the indissolubility of marriage and strives to guarantee its effective existence among the People of God. In effect, without the proceedings and sentences of ecclesiastical tribunals, the question of whether or not an indissoluble marriage exists would be relegated solely to the consciences of the faithful, with the evident risk of subjectivism, particularly when the civil society is experiencing a profound crisis concerning the institution of marriage.

Every correct judgement of the validity or nullity of a marriage

contributes to the culture of indissolubility, in the Church and in the world. It is a very important and necessary contribution: indeed, it has an immediate practical application, since it gives certainty not only to the individual persons involved, but also to all marriages and families. Consequently, an unjust declaration of nullity, opposed to the truth of the normative principles or the facts, is particularly serious, since its official link with the Church encourages the spread of attitudes in which indissolubility finds verbal support, but is denied in practice.

At times, in recent years some have opposed the traditional "favor matrimonii" in the name of a "favor libertatis" or "favor personae". In this dialectic it is obvious that the basic theme is that of indissolubility, but the antithesis is even more radical with regard to the truth about marriage itself, more or less openly relativized. Against the truth of a conjugal bond, it is not right to invoke the freedom of the contracting parties, who, in freely consenting to that bond, were bound to respect the objective demands of the reality of marriage that cannot be altered in the name of human freedom. Judicial activity must therefore be inspired by a "favor indissolubilitatis"; that clearly does not mean prejudice against just declarations of nullity, but an active conviction of the good at stake in the processes, together with the ever renewed optimism that derives from the natural character of marriage and from the support of the Lord for the spouses.

8. The Church and every Christian must be the light of the world: "Let your light so shine before men, that they may see your good works and give glory to your Father who is in heaven" (Mt 5,16). Jesus' words have a special application today to the indissoluble nature of marriage. It could perhaps seem that divorce is so firmly rooted in certain social sectors that it is almost not worth continuing to combat it by spreading a mentality, a social custom and civil legislation in favour of the indissolubility of marriage. Yet it is indeed worth the effort! Actually, this good is at the root of all society, as a necessary condition for the existence of the family. Its absence, therefore, has devastating consequences that spread through the social body like a plague - to use the term of the Second Vatican Council to describe divorce (cf. *Gaudium et spes*, n. 47) - and that have a negative influence on the new generations who view as tarnished the beauty of true marriage.

9. The essential witness to the value of indissolubility is given through the married life of the spouses, in their fidelity to the bond, through all the joys and trials of life. However the value of indissolubility cannot be held to be just the object of a private choice: it concerns one of the cornerstones of all society. Therefore, while all the initiatives that Christians, along with other persons of good will, promote for the good of the family (for example, the celebrations of wedding anniversaries) are to be encouraged, one must avoid the risk of permissiveness on fundamental issues concerning the nature of marriage and the family (cf. *Letter to Families*, n. 17).

Among the initiatives should be those that aim at obtaining the public recognition of indissoluble marriage in the civil juridical order (cf. ibid., n. 17). Resolute opposition to any legal or administrative measures that introduce divorce or that equate de facto unions-including those between homosexuals- with marriage must be accompanied by a pro-active attitude, acting through juridical provisions that tend to improve the social recognition of true marriage in the framework of legal orders that unfortunately admit divorce.

On the other hand, professionals in the field of civil law should avoid being personally involved in anything that might imply a cooperation with divorce. For judges this may prove difficult, since the legal order does not recognize a conscientious objection to exempt them from giving sentence.

For grave and proportionate motives they may therefore act in accord with the traditional principles of material cooperation. But they too must seek effective means to encourage marital unions, especially through a wisely handled work of reconciliation.

Lawyers, as independent professionals, should always decline the use of their profession for an end that is contrary to justice, as is divorce. They can only cooperate in this kind of activity when, in the intention of the client, it is not directed to the break-up of the marriage, but to the securing of other legitimate effects that can only be obtained through such a judicial process in the established legal order (cf. *Catechism of the Catholic Church*, n. 2383). In this way, with their work of assisting and reconciling persons who are going through a marital crises, lawyers truly serve the rights of the person and avoid becoming mere technicians at the service of any interest whatever.

10. I entrust to the intercession of Mary, Queen of the Family and Mirror of Justice, the heightening of everyone's conviction of the good of the indissolubility of marriage. To her I also entrust the zealous work of the Church and of her children, together with that of many other men and women of good will, in this cause that is so crucial for the future of humanity.

With these wishes, as I ask divine assistance on all your activities, Prelate Auditors, Officials and Advocates of the Roman Rota, I warmly impart my Blessing to you.

28th January 2002

# ITTRA TAL-PAPA ĠWANNI PAWLU II lis-saċerdoti għal Ħamis ix-Xirka 2002

Saċerdoti l-aktar għeżież tiegħi,

B'ħeġġa kbira ndur lejkom, kif inhi d-drawwa tiegħi għal Jum ta' Ħamis ix-Xirka, qisni qiegħed bilqiegħda magħkom għall-mejda taċ-Ċenaklu li fiha l-Mulej Ġesù ċċelebra ma' l-Appostli tiegħu l-ewwel Ewkaristija, rigal lill-Knisja kollha, rigal li għalkemm taħt il-velu sagramentali, jagħmel lil Ġesù preżenti "verament, realment u sostanzjalment" (Konċilju Tridentin, DS 1651) f'kull tabernaklu hu fejn hu fid-dinja. Quddiem din il-preżenza mill-aktar speċjali, il-Knisja dejjem tinżel tadurah, "*Adoro te devote, latens Deitas*", minn dejjem kienet tingħaqad mat-tifħir spiritwali tal-qaddisin u bħala għarusa tinġabar fil-fidi u fl-imħabba: "*Ave, verum corpus natum de Maria Vergine*".

Mar-rigal ta' din il-preżenza mill-aktar speċjali, li tippreżentalna lill-Mulej fl-att suprem ta' sagrifiċċju u tagħtihulna bħala ikel għalina, Ġesù għaqqad, preċiżament fiċ-Ċenaklu, ħidma speċifika ta' l-Appostli tiegħu u s-suċċessuri tagħhom. Minn dak iż-żmien, li tkun Appostlu ta' Kristu, bħala huma l-Isqfijiet u l-presbiteri li għandhom sehem mill-missjoni tagħhom, ifisser tkun mogħni bis-setgħa li taġixxi *in persona Christi Capitis*. Dan iseħħ bl-aqwa mod kull darba li jkun iċċelebrat is-sagrifiċċju ta' l-ikla tal-ġisem u tad-demm tal-Mulej, meta s-saċerdot qisu jislef lil Kristu l-wiċċ u l-leħen tiegħu. "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi" (Lq 22,19).

X'vokazzjoni ta' l-għaġeb hija dik tagħna, għeżież ħuti saċerdoti! Tassew nistgħu ntennu mas-Salmista: Xi nrodd lill-Mulej għall-ġid kollu li għamel miegħi? Ngħolli l-kalċi tas-salvazzjoni, u isem il-Mulej insejjaħ (Sal 116, 12-13).

2. Waqt li nerġa' nimmedita bil-ferħ fuq dan ir-rigal, nixtieq din is-sena nieqaf ftit magħkom *fuq aspett tal-missjoni tagħna,* li dwaru s-sena li għaddiet ukoll f'din iċ-ċirkustanza ġbidt l-attenzjoni tagħkom. Inħossu li għandna naħsbu fuqu aktar fil-fond. Qiegħed ngħid għall-missjoni li l-Mulej tana li nirrappreżentawh mhux biss fis-Sagrifiċċju Ewkaristiku imma wkoll fis-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.

*Bejn dawn iż-żewġ Sagramenti hemm rabta mill-qrib.* L-Ewkaristija, il-quċċata ta' l-ekonomija sagramentali hija wkoll il-għajn: f'ċertu sens,

is-Sagramenti kollha joħorġu minnha u jwasslu għaliha. Dan jgħodd b'mod speċjali għas-sagrament maħsub biex permezz tal-"medjazzjoni" tiegħu, iwassal il-maħfra ta' Alla, li jilqa' mill-ġdid f'dirgħajh il-midneb li jindem. Fil-fatt huwa veru li l-Ewkaristija, bħala rappreżentazzjoni tas-Sagrifiċċju ta' Kristu għandha wkoll ix-xogħol li tifridna mid-dnub. Hawnhekk nistgħu nsemmu dawk li jgħid il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika: "L-Ewkaristija ma tistax tgħaqqadna ma' Kristu jekk ma ssaffiniex fl-istess waqt minn dnubietna ta' l-imgħoddi, u tħarisna mid-dnubiet tal-ġejjieni" (n. 1393). Madankollu, fl-ekonomija tal-grazzja magħżula minn Kristu, din l-enerġija tiegħu li tippurifika, waqt li tattwa direttament il-purifikazzjoni mid-dnubiet venjali, twassal din il-purifikazzjoni indirettament biss għal dawk mejta, li jippreġudikaw mill-qiegħ ir-relazzjoni tan-nisrani ma' Alla u l-għaqda tiegħu mal-Knisja. "L-Ewkaristija", ikompli jgħidilna l-Katekiżmu, "ma taħfirx id-dnubiet mejta. Dawn jinħafru bis-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni. Hu proprju ta' l-Ewkaristija li tkun is-sagrament ta' dawk li huma f'għaqda sħiħ mal-Knisja" (n. 1395).

Hi u tisħaq fuq din il-verità, il-Knisja ma tridx bl-ebda mod tnaqqas mill-valur ta' l-Ewkaristija. L-intenzjoni tagħha hija dik li toħroġ is-sinjifikat tagħha f'relazzjoni ma' l-ekonomija sagramentali sħiħa hekk kif ġiet ippjanata fil-għerf ta' Alla li jsalvana. Minbarra hekk, din kienet il-linja ta' ħsieb indikata mill-Appostlu Pawlu meta lill-Korintin kitbilhom: "Kull min jiekol il-ħobż jew jixrob il-kalċi tal-Mulej bla ma jixraqlu, ikun ħati tal-ġisem u tad-demm tal-Mulej. Ha jgħarbel il-bniedem lilu nnifsu, imbagħad jiekol il-ħobż u jixrob il-kalċi. Min jiekol u jixrob bla ma jagħżel minn ikel ieħor il-ġisem tal-Mulej, ikun jiekol u jixrob il-kundanna tiegħu nnifsu (1 Kor 11, 27-29). Qiegħed fis-sens tal-ħsieb Pawlin il-prinċipju li "min ikun jaf li kkommetta dnub gravi, jeħtieġ jirċievi s-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni qabel jersaq għat-Tqarbin" (Kodiċi tad-Drittu Kanoniku, n. 1385).

3. Meta niftakar f'din il-verità, inħoss fija x-xewqa, għeżież aħwa tiegħi fis-saċerdozju, li nistedinkom bil-ħeġġa kollha, kif għamilt is-sena l-oħra, biex tiskopru personalment u twasslu oħrajn biex jiskopru, is-sbuħija tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni. Minn għexieren ta' snin 'il hawn, għal diversi mottivi, dan is-Sagrament qiegħed isofri minn kriżi li għamilt riferenza għaliha aktar minn darba. Ridt li saħansitra dwarha jirrifletti Sinodu ta' l-Isqfijiet, li l-osservazzjonijiet tiegħu, jiena mbagħad

ġbarthom fl-Eżortazzjoni Appostolika, *Reconciliatio et poenitentia*. Minnaħa l-oħra ma nistax ma ninnutax f'ferħ kbir, is-sinjali pożittivi li, b'mod speċjali fis-Sena tal-Ġublew, urew kif dan is-Sagrament, meta jiġi ppreżentat u ċċelebrrat kif jixraq, jista' jiġi skopert mill-ġdid fil-fond tiegħu wkoll miż-żgħażagħ. Skoperta bħal din żgur li llum għandha l-appoġġ tal-ħtieġa ta' komunikazzjoni personali, li llum issir dejjem iżjed diffiċli minħabba r-ritmi frenetiċi tas-soċjetà teknoloġika, imma li preċiżament għal din ir-raġuni tinħass dejjem iżjed bħala bżonn essenzjali tal-ħajja. Huwa minnu li dan il-bżonn wieħed jista' jissodisfah b'diversi modi. Imma ma nistgħux ma nagħrfux li s-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, għalkemm ma għandux ikun konfuż. mal-varji terapiji ta' natura psikoloġika, joffri b'abbundanza tweġiba sinjifikattiva ukoll għal dan il-bżonn tal-bniedem. Dan jagħmlu billi jqiegħed lill-penitent, permezz tal-wiċċ maħbub ta' wieħed minn ħbiebu, f'relazzjoni mal-qalb ħanina ta' Alla.

Tabilħaqq kbir huwa l-għerf ta' Alla li waqqaf dan is-sagrament biex ikun jista' jipprovdi għal bżonn profond u inaljenabbli tal-qalb tal-bniedem. Jeħtieġ li nkunu interpreti mdawlin u kollna mħabba ta' dan il-għerf ta' Alla fil-kuntatt personali li aħna msejħin biex noħolqu ma' numru hekk kbir ta' aħwa tagħna fiċ-ċelebrazzjoni tal-Penitenza. Hawnhekk nixtieq nisħaq li ċ-ċelebrazzjoni *personali* hija l-forma ordinarja ta' l-amministrazzjoni ta' dan is-Sagrament u huwa biss "f'każijiet ta' ħtieġa gravi", li hu permess li wieħed jirrikorri għall-forma komunitarja bl-istqarrija u l-assoluzzjoni *kollettivi*. Magħrufin sewwa huma l-kundizzjonijiet meħtieġa għal din ix-xorta ta' assoluzzjoni, imma ta' min ifakkar li wieħed qatt ma huwa meħlus milli wara jistqarr bħala individwu d-dnubiet gravi, ħaġa li l-fidili jeħtieġ li jimpenjaw ruħhom li jagħmlu biex tkun valida l-assoluzzjoni (Ara Kodiċi tad-Drittu Kanoniku n. 1483).

4. Ejjew niskopru mill-ġdid bil-ferħ u bil-fiduċja dan is-Sagrament. Ejjew ngħixuh fuq kollox għalina nfusna, bħala ħtieġa profonda u grazzja mistennija dejjem mill-ġdid, biex jagħti mill-ġdid forza u ħeġġa lill-mixja tal-qdusija u lill-ministeru tagħna. Fl-istess ħin ejjew nippruvaw inkunu *ministri awtentiċi tal-ħniena*. Nafu li f'dan is-Sagrament, bħal fl-oħrajn kollha, waqt li nemmnu fil-grrazzja li tiġi minn fuq u taħdem bis-setgħa tagħha, aħna wkoll imsejħin biex inkunu l-istrumenti attivi tagħha. Fi kliem ieħor – u dan jgħabbina bir-responsabbiltà – *Alla jafda fina wkoll*,

fid-disponibbiltà u l-fedeltà tagħna biex jattwa l-għeġubijiet tiegħu fil-qlub tal-bnedmin. Fiċ-ċelebrazzjoni ta' dan is-sagrament, forsi aktar milli fis-sagramenti l-oħra, huwa importanti li l-fidili jagħmlu esperjenza tal-wiċċ ta' Kristu, ir-Ragħaj it-Tajjeb.

Ippermettuli għalhekk nirrifletti magħkom fuq dan is-suġġett, qisni qiegħed inkun preżenti fil-Katidrali, fil-parroċċi, santwarji u postijiet oħra li fihom intom timpenjaw ruħkom biex tamministraw dan is-sagrament. Jiġu mill-ġdid f'moħħi dawk il-paġni tal-Vanġelu, u li b'mod l-aktar dirett jippreżentawlna l-wiċċ ħanin ta' Alla. Kif nistgħu ma mmorrux bil-ħsieb tagħna għal-laqgħa bejn l-iben il-ħali u l-Missier ħanin? Jew għax-xbieha tan-nagħġa l-mitlufa u misjuba mill-ġdid, li r-Ragħaj kollu ferħ iqiegħed fuq spallejh? It-tgħanniqa tal-Missier, il-ferħ tar-Ragħaj it-Tajjeb, jeħtieġ jagħti xiehda tagħhom kull wieħed minna, aħwa tiegħi l-aktar għeżież, filwaqt li jitolbuna li nkunu ministri tal-maħfra għall-penitent.

Biex inkunu nistgħu nitfgħu dawl fuq xi dettalji ta' din it-taħdita mill-aktar speċjali ta' salvazzjoni, li hu l-qrar sagramentali, illum nixtieq nieħu bħala xbieha biblika l-laqgħa ta' Ġesù ma' Żakkew (ara Lq 19, 1-10). Jidhirli li dak li jiġri bejn Ġesù u l-kap tal-pubblikani ta' Ġeriko jixbah taħt diversi aspetti lil ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Ħniena. Aħna u naqraw dan ir-rakkont qasir imma dettaljat, irridu bħal ngħarblu fl-atteġġjamenti u l-vuċi ta' Kristu, dawk l-isfumaturi ta' għerf uman u soprannaturali li aħna wkoll għandna nfittxu li nesprimu biex ngħixu s-Sagrament fl-aħjar mod.

5. Ir-rakkont kif nafu, jippreżentalna l-laqgħa ta' Ġesù u Żakkew *bħallikieku kienet xi ġrajja li ġrat kumbinazzjoni*. Ġesù jidħol f'Ġeriko u jkun għaddej mit-triq imsieħeb mill-folla (Lq 19, 31). Hu u tiela' fuq is-siġra tat-tin selvaġġ, Żakkew ħassu mqanqal, qisu biss mill-kurżità. Xi drabi l-laqgħat ta' Alla mal-bniedem jiġru qishom kumbinazzjoni. *Iżda xejn ma jiġri kumbinazzjoni għal Alla.* Imqegħdin kif aħna fir-realtajiet pastorali mill-aktar diversi, xi drabi jista' jiskoraġġina jew jiddisgwidana l-fatt li għall-ħajja sagramentali, ħafna nsara mhux ma jagħtux l-attenzjoni li għandhom jagħtu, imma ħafna drabi, meta jersqu għas-sagramenti, jagħmlu dan b'mod superfiċjali. Min għandu esperjenza tal-qrar, ta' kif il-fidili huma abitwati jersqu għal dan is-sagrament, jista' xi drabi jħossu jinkwieta fuq il-mod kif xi fidili jersqu jqerru mingħajr ma lanqas biss ikunu jafu sewwa xi jridu. Għal xi wħud minnhom, il-għażla li jmorru jqerru tista' tkun ġejja biss mill-bżonn li xi ħadd jismagħhom. Għal oħrajn

mill-bżonn li jieħdu parir. Għal oħrajn mill-ħtieġa psikoloġika li jeħilsu mill-oppressjoni tas-"sens tal-ħtija". Imma għal ħafna hemm il-bżonn awtentiku li jistabbilixxu mill-ġdid relazzjoni ma' Alla, iżda jqerru mingħajr ma jagħrfu biżżejjed l-impenji li jitwieldu minn din ir-relazzjoni u jikkontentaw b'eżami tal-kuxjenza xott ħafna minħabba n-nuqqas ta' formazzjoni tagħhom dwar dak kollu li timplika ħajja morali mnebbħa mill-Vanġelu. Liema konfessur dak ma kellux din l-esperjenza?

Huwa proprj l-każ ta' Żakkew. Kollox hu ta' l-għaġeb f'dak li jgħaddi minnu. Kieku f'xi waqt ma kienx hemm is-"sorpriża" tal-ħarsa ta' Ġesù, forsi Żakkew kien jibqa' biss spettatur mutu meta Ġesù għadda mit-toroq ta' Ġeriko. Ġesù kien ikun għadda *minn ħdejh* imma mhux *ġewwa ħajtu.* Żakkew stess ma kienx jissuspetta li l-kurzità li wasslitu għal ġest hekk speċjali kienet diġà l-frott tal-ħniena li għaddiet quddiemu, ġibditu lejha u li ftit wara kellha tbiddlu fil-fond ta' qalbu.

Għeżież ħuti saċerdoti, meta l-ħsieb tagħma jmur fq il-ħafna penitenti tagħna nerġgħu naqraw dak id-dettall ta' l-għaġeb ta' San Luqa dwar l-atteġġjament ta' Kristu: "Ġesù, kif wasal hemm, ħares 'il fuq u qallu: 'Żakkew, isa, inżel minn hemm, għax illum jeħtieġli noqgħod għandek'" (Lq 19,5).

6. Jolqotna fir-rakkont ta' San Luqa, it-ton tal-lingwaġġ; kollox huwa hekk personalizzat, hekk delikat, hekk affetwuż! Humiex biss kliem u ġesti umani li jolqtuna. F'dan il-passaġġ hemm urġenza interna, li Ġesù jesprimi bħala dak li jurina b'mod definittiv il-ħniena ta' Alla. Huwa jgħid lil Żakkew: "illum jeħtieġli noqgħod għandek", jew biex nittraduċi aktar litteralment "huwa neċessarju għalija li noqgħod għandek" (Lq 19,5). Hu u jimxi fuq il-pjanta tat-toroq murija lilu mill-Missier, Ġesù fi triqtu sab ukoll lil Żakkew. Għand Żakkew, Ġesù joqgħod qisu f'laqgħa prevista sa mill-bidu. Id-dar ta' dn il-midneb sejra ssir, minkejja l-ħafna tgergir ta' l-imsejkna umanità, post ta' rivelazzjoni, ix-xenarju ta' miraklu tal-ħniena. Veru li dan ma jiġrix jekk Żakkew ma jħollx lil qalbu mill-irbit ta' l-egoiżmu u l-għoqod ta' l-inġustizzja li hu wettaq bi frodi. Imma l-ħniena ġa waslitlu bħala offerta, mogħtija b'xejn u ferm abbundanti. *Il-ħniena waslet qablu!*

Dan hu dak li jiġri f'kull laqgħa sagramentali. Ma għandniex naħsbu li huwa l-midneb, bil-mixja tiegħu għal rasu ta' konverżjoni li jaqla' l-ħniena. Bil-maqlub, hija l-ħniena li timbuttah fit-triq tal-konverżjoni. Il-bniedem waħdu minnu nnifsu mhux kapaċi għal xejn. U ma jimmerita

xejn. Il-qrar, qabel ma huwa triq tal-bniedem lejn Alla, *huwa waqfa ta' Alla fid-dar tal-bniedem.*

Għalhekk f'kull qrara nistgħu nsibu ruħna wiċċ imb'wiċċ ma' diversi tipi ta' persuni. Dwar ħaġa waħda biss jeħtieġ li nkunu konvinti: qabel l-istedina tagħna u wkoll qabel il-kliem tagħna sagramentali, ħutna li jitolbuna l-ministeru tagħna, ikunu ġa mkebbin fil-ħniena ta' Alla li taħdem fihom minn ġewwa. Jalla jirnexxilna nkunu kollaboraturi tal-ħniena li tilqa' lill-midneb u ta' l-imħabba li ssalva, ukoll permezz tal-kliem tagħna u l-ispirtu tagħna ta' rgħajja, dejjem attenti għal kull persuna, kapaċi li nintuwixxu fil-problemi tagħhom u nakkumpanjawhom b'delikatezza fit-triq, aħna u nwasslulhom il-fiduċja fit-tjubija ta' Alla.

7. "Jeħtieġli noqgħod għandek". Nippruvaw nidħlu aktar fil-fond f'dawn il-kelmiet. Huma proklamazzjoni. Qabel ma jfissru għażla li għamel Kristu, jipproklamaw ir-rieda tal-Missier. Ġesù jippreżenta ruħu *bħala wieħed li għandu mandat preċiż.* Huwa għandu "liġi" xi jħares: ir-rieda tal-Missier, li hu jagħmel bi mħabba hekk kbira, hekk li jagħmilha l-"ikel" tiegħu (ara Ġw 4, 34). Il-kliem li bihom Ġesù jdur lejn Żakkew mhumiex biss mod biex joħolqu relazzjoni imma t-*tħabbira ta' proġett imfassal minn Alla.* Il-laqgħa sseħħ fl-orizzont tal-Kelma ta' Alla, li tingħaqad f'ħaġa waħda mal-Kelma u l-Wiċċ ta' Kristu. U huwa wkoll il-bidu meħtieġ ta' kull laqgħa awtentika għaċ-ċelebrazzjoni tal-Penitenza. Gwaj jekk nirriduċu kollox għal ħtiġiet komunikattivi umani. L-attenzjoni għal-liġijiet tal-komunikazzjoni bejn il-bnedmin tista' tkun ta' siwi u ma għandhiex tkun traskurata, imma kollox għandu jkun ibbażat fuq il-Kelma ta' Alla. Għal din ir-raġuni, ir-rit tas-Sagrament irid li din il-Kelma tiġi proklamata lill-penitent.

Huwa dettall li wieħed ma għandux inaqqas il-valur tiegħu, ukoll jekk ikun diffiċli li jiġi attwat. Il-konfessuri jagħmlu esperjenza kontinwa ta' kemm hu diffiċli tfisser dak li tistenna minna din il-Kelma lil min ma jafhiex ħlief superfiċjalment. Veru li l-mument, li fih jiġi ċċelebrat is-Sagrament mhuwiex dak l-aktar adatt biex jimtela dan il-vojt. Hemm bżonn li wieħed jipprovdi għalih b'għerf pastorali fil-fażi ta' qabel ta' tħejjija għal dan is-Sagrament, billi joffri dawk l-indikazzjonijiet fundamentali li jippermettu lil kull wieħed ikejjel il-ħajja tiegħu mal-verità tal-Vanġelu. F'kull każ, il-konfessur ma għandux jonqos li jieħu l-okkażjoni tal-laqgħa sagramentali biex jipprova jwassal lill-penitent biex b'xi mod jintuwixxi l-ħniena ta' Alla, li jtawwal idu lejh mhux biex isawtu

imma biex isalvah.

Minbarra hekk, kif jista' wieħed jaħbi d-diffikultajiet oġġettivi li l-kultura dominanti ta' żmienna toħloq f'dan is-sens? Ukoll xi nsara maturi ħafna drabi jsibu ruħhom imfixklin fl-impenn tagħhom biex ħajjithom tkun taqbel mal-kmandamenti ta' Alla u t-tagħlim tal-Knisja. Huwa l-każ ta' ħafna problemi ta' etika sesswali u familjari, ta' bioetika, tal-morali professjonali u soċjali u huwa wkoll il-każ ta' problemi li għandhom x'jaqsmu mad-dmirijiet marbutin mal-prattika reliġjuża u s-sehem fil-ħajja tal-Knisja. Għal dan hija meħtieġa ħidma kateketika li mhuwiex possibbli tgħabbiha fuq il-konfessur fil-mument meta jamministra dan is-Sagrament. Tkun ħaġa tajba li wieħed ifittex li jagħmilha suġġett ta' approfondiment bi tħejjija għall-qrar. Għal dan il-għan, iċ-ċelebrazzjonijiet penitenzjali, li jkunu mhejjija b'mod komunitarju u li jintemmu bil-qrar individwali jistgħu jkunu ta' għajnuna kbira.

Biex dan kollu jitfassal tajjeb ix-"xbieha bibblika" ta' Żakkew toffrilna *indikazzjoni importanti*. Fis-Sagrament, qabel ma niltaqgħu "mal-kmandamenti ta'Alla", niltaqgħu f'Ġesù ma' "Alla tal-kmandamenti". *Lil Żakkew, Ġesù jippreżentalu lilu nnifsu*: "Jeħtieġli noqgħod għandek". Huwa r-rigal lil Żakkew u fl-istess ħin Ġesù nnifsu huwa "l-liġi ta' Alla" għal Żakkeew. Meta niltaqgħu ma' Ġesù bħala rigal, ukoll l-aspett l-aktar esiġenti tal-liġi jakkwista l-"ħeffa" tal-grazzja, skond dik id-dinamika soprannaturali li wasslet lil Pawlu biex jgħid: "jekk tħallu li titmexxew mill-Ispirtu, mintomx aktar taħt il-liġi" (Gal 5,5). Kull ċelebrazzjoni tal-penitenza jeħtieġ tqajjem fil-qalb ta-penitent l-istess ferħ li l-kliem ta' Ġesù qanqlu f'Żakkew, li "bil-għaġla, niżel u laqgħu bil-ferħ (Lq 19,6).

8. Il-preċedenza u s-sovrabbundanza tal-ħniena, ma għandhomx iżda jnessuna li hi biss il-presuppost tal-ħniena, li tasal għall-attwazzjoni tagħha skond it-tweġiba li jkun hemm min-naħa tal-bniedem. Il-maħfra li tingħata fis-Sagrament jew ir-Rikonċiljazzjoni humiex att estern bħal xi klinika ġuridika, imma laqgħa vera u proprja tal-penient ma' Alla, li jirristabbilixxi mill-ġdid ir-relazzjoni ta' ħbiberija li tkun inkisret bid-dnub. Il-verità ta' dan ir-rapport jitlob li l-bniedem jilqa' t-tgħanniqa ta' ħniena ta' Alla, filwaqt li jirbaħ kull reżistenza għad-dnub.

Dan hu dak li jseħħ f'Żakkew. Iħossu trattat bħala "iben" u dan jagħmlu billi jiskopri mill-ġdid lil ħutu. Taħt il-ħarsa kollha mħabba ta' Kristu, il-qalb tiegħu tinfetaħ għall-imħabba tal-proxxmu. Minn atteġġjament magħluq li wasslu biex jistagħna minghajr ma ta kas tat-

tbatija ta' l-oħrajn, għadda għal atteġġjament ta' qsim ma' ħaddieħor, li jfisser f'diviżjoni vera u proprja tal-patrimonju tiegħu: "nofs il-ġid" lill-fqar. L-inġustizzja li wettaq b'dannu ta' ħutu u msewwija b'restituzzjoni kwadrupla: "Jekk jien qarraqt b'xi ħadd inroddlu għal erba' darbiet iżjed" (Lq 19,8). Huwa biss f'dan il-waqt li l-imħabba ta' Alla tilħaq il-għan tagħha u li sseħħ is-salvazzjoni. "F'din id-dar illum daħlet is-salvazzjoni" (Lq 19,9).

Din il-mixja ta' salvazzjoni, imfissra hekk b'mod ċar fl-episodju ta' Żakkew jeħtieġ toffrilna, sacerdoti l-aktar għeżież, l-orjentament biex nattwaw b'ekwilibriju pastorali għaqli, id-dmir tagħna diffiċli tal-ministeru tagħna tal-qrar. Minn dejjem il-qrar bata minn żewġ eċċessi opposti: *ir-rigoriżmu* u *l-lassiżmu*. L-ewwel wieħed ma jagħtix kas ta' l-ewwel taqsima ta' l-episodju ta' Żakkew: il-ħniena li sa minn qabel, timbuttah għall-konverżjoni u tisma' wkoll l-iċken progress fl-imħabba, għax il-Missier irid jagħmel l-impossibbli biex isalva l-iben mitluf. "Għax Bin il-Bniedem ġie jfittex u jsalva l-mitluf" (Lq 19,10). It-tieni eċċess, il-lassiżmu, ma jagħtix kas tal-fatt li s-salvazzjoni sħiħa, mhux biss dik offerta imma wkoll dik milqugħa, dik li tassew tfejjaq u tfarraġ mill-ġdid, timplika konverżjoni vera għal dak li titlob l-imħabba ta' Alla. Kieku Żakkew laqa' f'daru lill-Mulej imma mingħajr ma wasal għal dak l-atteġġjament ta' ftuħ għall-imħabba, għar-riparazzjoni tal-ħażen li kien għamel, għal proponiment sod ta' ħajja ġdida, kieku ma kienx jirċievi fil-qalb tiegħu l-maħfra li l-Mulej b'tant premura offril.

Jeħtieġ noqogħdu attenti dejjem li nżommu l-ekwilibriju ġust biex ma naqgħux fl-ebda wieħed minn dawn l-estremi. Ir-rigoriżmu jkeċċi u jbiegħed. Il-lassiżmu jiddiżeduka u jqarraq. Il-ministru tal-maħfra li fih il-penitent jara l-wiċċ tar-ragħaj it-tajjeb u jfisser il-ħniena li tilqgħu minn qabel u l-maħfra li taghtih il-fejqan u s-sliem. Huwa fuq dawn il-prinċipji li s-saċerdot jingħata l-inkarigu biex fid-djalogu mal-penitent jagħraf jekk dan hux lest għall-assoluzzjoni sagramentali. Veru li l-ġentilezza tal-laqgħa ma' l-erwieħ f'mument hekk intimu u li ħafna drabi jġib miegħu t-tbatija jitlob ħafna dehen.

Jekk ma jidhirx mod ieħor, is-saċerdot għandu jissoponi li l-penitent, meta jqerr dnubietu jkollu sogħba vera tagħhom u proponiment li jirranġa. Din is-suppożizzjoni jkollha aktar bażi jekk fil-pastorali tar-rikonċiljazzjoni sagramentali jiddaħħlu għajnuniet xierqa li jassiguraw waqtiet ta' tħejjija għas-sagrament u jgħinu lil kull wieħed biex jagħraf

sewwa dak li jkun ġie għalih meta jersaq lejn is-sagrament. Imma hija ħaġa ċara li meta l-konfessur jinduna bil-maqlub għandu d-dover li jgħid il-penitent li għadu mhux imħejji għall-assoluzzjoni. Jekk din tingħata lil min juri biċ-ċar li ma jridx ibiddel ħajtu, ir-rit tal-qrar isir biss qoxra anzi jkollu l-bixra ta' att kważi maġiku li forsi jagħti impressjoni li joħloq apparenza ta' paċi imma żgur li ma tkunx il-paċi profonda tal-kuxjenza ggarantita mit-tgħanniqa ta' Alla.

9. Fid-dawl ta' dak li għedna qabel, jidher aħjar li l-*laqgħa personali* bejn il-konfessur u l-penitent hija l-forma ordinarja tar-rikonċiljazzjoni sagramentali waqt li l-assoluzzjoni kollettiva hija l-eċċezzjoni. Kif nafu, il-prattika tal-Knisja waslet bil-mod il-mod għaċ-ċelebrazzjoni privata tal-penitenza wara sekli li fihom kienet tispikka l-formula tal-penitenza pubblika. Dan l-iżvilupp mhux biss ma bidilx is-sustanza tas-sagrament – u ma setax ikun mod ieor – imma fisser aktar fil-fond dak li hu dan is-sagrament u l-effetti ttiegħu. Dan ma seħħx mingħajr l-għajnuna ta' l-Ispirtu li hawn ukoll wettaq il-ħidma li jwassal il-Knisja "għall-verità sħiħa" (Ġw 16:13).

Il-forma ordinarja tar-rikonċiljazzjoni mhux biss tfisser tajjeb il-verità tal-ħniena divina u l-maħfra li toħroġ minnha imma ddawwal l-istes verità tal-bniedem f'wieħed mill-aspetti tiegħu fundamentali. L-individwu ta' kull persuna li għalkemm tgħix nisġa ta' relazzjonijiet ma' l-oħrajn fil-komunità qatt ma tħalli li tiġi mgħaffġa mill-kundizzjonijiet ta' massa bla forma. Dan jispjega t-tweġiba profonda li tinħoloq fil-moħħ tal-bniedem meta jisma' min isejjaħlu b'ismu. Meta nindunaw li l-oħrajn jagħrfuna u jilqgħuna bil-kwalitajiet l-akbar personali tagħna nħossuna verament qed ngħixu. L-istess ħidma pastorali jeħtieġ tagħti attenzjoni ikbar lil dan l-aspett biex iżżomm il-bilanċ b'mod għaqli bejn il-waqtiet ta' l-assemblea li fiha tispikka l-komunjoni ekkleżjali u l-mumenti ta' attenzjoni għall-ħtiġijiet tal-persuni individwali. Il-persuni bħala regola in ġenerai jistennew li jkunu rikonoxxuti u megħjuna u permess ta' din l-attenzjoni mill-qrib iħossu b'aktar qawwa l-imħabba ta' Alla.

F'dan is-sens, is-sagrament tar-rikonċiljazzjoni jippreżenta ruħu bħala waħda mit-toroq privileġġjati ta' din il-pedagoġija tal-persuna. Hawnhekk ir-Ragħaj it-Tajjeb, permezz tal-wiċċ u l-vuċi tas-saċerdot jersaq lejn kull persuna biex magħha jibda djalogu personali mibni minn smiegħ, parir, faraġ u maħfra. L-imħabba ta' Alla mingħajr ma tieħu xejn minn ta' l-oħrajn taf tikkonċentra fu kull persuna. Min jirċievi l-assoluzzjoni

sagramentali jeħtieġ iħoss il-ħeġġa ta' din l-attenzjoni personali. Jeħtieġ iġarrab il-qawwa tat-tgħanniqa tal-Missier offerta lill-Iben il-Ħali: (*inxteħet fuq għonqu u biesu*) Lq 15:20. Jeħtieġ ikun jista' jisma' dak il-leħen kollu mħabba li laqa' l-pubblikan Żakkew hu u jsejjaħlu b'ismu għal ħajja ġdida (Lq 19:5).

10. Minn dan toħroġ ukoll il-ħtieġa għal *tħejjija xierqa* tal-konfessur għaċ-ċelebrazzjoni ta' dan is-sagrament. Jeħtieġ li din it-tħejjija ssir b'mod li tispikka, ukoll fil-forom esterni taċ-ċelebrazzjoni, id-dinjità tagħha ta' att liturġiku skond in-normi mfissra fir-rit tal-penitenza. Dan ma jeskludix il-possibbiltà ta' adattamenti pastorali skond iċ-ċirkustanzi fejn dawn ikunu suġġeriti mill-vera ħtiġiet tal-mixja tal-penitent, fid-dawl tal-prinċipju klassiku li jagħraf is-*suprema lex* tal-Knisja fis-*salus animarum*. Hawnhekk għandna nħallu jmexxina l-għerf tal-qaddisin. Nidħlu bil-kuraġġ kollu wkoll għall-*qrar taż-żgħażagħ*. Noqogħdu f'nofshom u naraw li nkunu għalihom ħbieb u missirijiet li jafdaw fina u konfessuri. Għandhom bżonn li jsibu fina ż-żewġ rwoli u ż-żewġ aspetti. Għandna nħossuh id-dmir tagħna li nżommu tassew aġġornata l-formazzjoni teoloġika tagħna l-aktar meta nilmħu l-isfidi etiċi ġodda, aħna u nżommu ruħna magħqudin mad-dixxerniment tal-maġisteru tal-Knisja. Ġieli jiġri li dwar xi problemi etiċi attwali, il-fidili jitilqu mill-qrar b'ideat aktarx imħawda wkoll għax *ma jsibux fil-konfessuri l-istess linja ta' ġudizzju*. Dawk kollha li f'isem Alla u l-Knisja jwettqu dan il-ministeru tassew delikat għandhom id-dmir ċar li ma jikkultivawx, u aktar minn hekk, li ma jurux waqt il-qrar ġudizzji personali li ma jkunux jaqblu għal dak li tgħallem u xxandar il-Knisja. Wieħed ma jistax bi skuża ta' l-imħabba jonqos mill-verità b'sens ta' komprensjoni mifhum ħażin. *Ma nistgħux innaqqsu minn rajna mill-verità wkoll bl-aħjar intenzjonijiet.* Huwa dmir tagħna li nkunu xhieda ta' Alla billi nkunu interpreti ta' ħniena li ssalva wkoll meta tidher bħala ġudizzju fuq id-dnub tal-bniedem: "Mhux kull min jgħidli, 'Mulej, Mulej, jidħol fis-Saltna tas-Smewwiet, iżda min jagħmel ir-rieda tal-Missier li hu fis-smewwiet!" (Matt 7:21).

11. Saċerdoti l-aktar għeżież! Nixtieq inħossni qrib tagħkom meta tinġabru madwar l-Isqfijiet tagħkom dan il-Ħamis ix-Xirka tas-sena 2002. Ilkoll kemm aħna għexna ħeġġa mġedda ekkleżjali fil-bidu tal-millennju l-ġdid, aħna u "nerġgħu nibdew minn Kristu" (ara *Novo millennio ineunte*, 29 ss). Kienet ix-xewqa ta' kulħadd li dan jaħbat maż-żmien ġdid ta' mħabba bejn l-aħwa u ta' paċi għall-bnedmin kollha imma bil-maqlub,

rajna jinxtered demm ġdid. Għadna nkunu xhieda ta' gwerer. Inħossu bid-dieqa t-traġedja tal-firda u tal-mibegħda li teqred ir-relazzjonijiet bejn il-ġnus.

F'dan il-mument, bħala saċerdoti, inħossuna maħsudin bis-sħiħ personalment bid-dnubiet ta' xi wħud mill-aħwa tagħna li ttradew il-grazzja li rċevew fl-ordinazzjoni, ukoll billi ċedew għal suriet mill-għar tal-*mysterium iniquitatis* li jaħdem fid-dinja. Hekk iqumu skandli gravi bil-konsegwenza li jitfgħu dell ikrah ta' suspett fuq is-saċerdoti l-oħra ta' l-affari tagħhom li jwettqu l-ministeru tagħhom bl-onestà u koerenza u xi drabi b'imħabba erojka. Waqt li l-Knisja *tfisser l-ansjetà tagħha għall-vittmi* u tagħmel kull sforz biex tagħti tweġiba skond il-verità u l-ġustizzja lil kull sitwazzjoni tat-tbatija, aħna lkoll – waqt li nagħrfu d-dgħufija tagħna u nafdaw fis-setgħa li tfejjaq tal-grazzja ta' Alla – aħna msejħin biex *inħaddnu l-"mysterium Crucis" u nkomplu ninpenjaw ruħna fit-tfittix tal-qdusija."* Jeħtieġ nitolbu biex Alla fil-providenza tiegħu jqajjem mill-ġdid b'mod ġeneruż dawk l-ideali ta' għotja sħiħa lil Kristu li huma l-qofol tal-ministeru saċerdotali. Hija l-fidi fi Kristu li tagħtina l-qawwa li nħarsu lejn il-ġejjieni bil-fiduċja. Nafu li l-ħażen dejjem kien fil-qalb tal-bniedem u huwa biss meta l-bniedem iħalli lil Kristu jersaq lejh u jirbħu li jsir kapaċi li jxerred madwaru l-paċi u l-imħabba. Bħala ministri ta' l-Ewkaristija u tar-Rikonċiljazzjoni Sagramentali għandna mod speċjali d-dmir li nxerrdu fid-dinja t-tama, it-tjubija u l-paċi.

Nixtieqkom li tgħixu l-paċi tal-qalb f'għaqda mill-qrib bejnietkom ma' l-Isqof tagħkom u mal-komunitajiet tagħkom, f'dan il-jum l-aktar qaddis li fih infakkru bit-twaqqif ta' l-Ewkaristija, it-"twelid tagħna" bħala saċerdoti. Bil-kliem li Kristu qal lill-Appostli fiċ-Ċenaklu wara l-Qawmien, u waqt li nsejjaħ lill-Verġni Marija, *Regina Apostolorum u Regina pacis*, inħaddankom ilkoll miegħi f'tgħanniqa ta' l-aħwa: Paċi, paċi lil kulħadd u lil kull wieħed minnkom. L-Għid it-tajjeb!

Mill-Vatikan, 17 ta' Marzu, il-ħames Ħadd tar-Randan tas-sena 2002, fl-erbgħa u għoxrin sena tal-Pontifikat tiegħi.

Ġwanni Pawlu II

# MESSAĠĠ TAL-PAPA ĠWANNI PAWLU II GĦAT-36 JUM DINJI TAL-KOMUNIKAZZJONI SOĊJALI

**12 ta' Mejju 2002**

---

Għeżież ħuti,

1. Il-Knisja, f'kull żmien, tkompli l-ħidma mibdija fil-Jum ta' Għid il-Ħamsin, meta l-Appostli bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, għaddew mit-triqat ta' Ġerusalemm u xandru l-Evanġelju b'diversi ilsna. (ara Atti 2,5-11). Fis-sekli ta' wara, din il-ħidma ta' evanġelizzazzjoni xterdet fid-dinja kollha, għax il-Kristjaneżmu tafa' l-għeruq f'ħafna nħawi u sar jaf jitkellem id-diversi ilsna tad-dinja, dejjem b'ubbidjenza għall-kmand ta' Kristu, li l-Evanġelju jeħtieġ li jkun imxandar lill-Ġnus kollha (ara Mt 28, 19-20).

Madanakollu l-istorja ta' l-evanġelizzazzjoni mhijiex biss kwistjoni ta' espansjoni ġeografika, għax il-Knisja ħteġilha tgħaddi minn bibien kulturali diversi u kull wieħed minnhom kien jitlob minnha enerġija u immaġinazzjoni ġodda fix-xandir ta' l-Evanġelju waħdieni ta' Ġesù Kristu. Il-perjodu tal-kixfiet kbar, ir-Rinaxximent u l-invenzjoni ta' l-istampar, ir-rivoluzzjoni industrijali u t-twelid tad-dinja moderna — dawn kollha kienu mumenti ta' transizzjoni, li ħteġilhom suriet ġodda ta' evanġelizzazjoni. Issa, bir-rivoluzzjoni tal-komunikazzjonijiet u l-informazzjoni attwali, ma hemmx dubju li l-Knisja jkollha tgħaddi minn bieb ieħor deċiżiv. Għalhekk hija ħaġa f'waqtha li f'dan il-Jum Dinji tal-Komunikazzjoni Soċjali 2002, nirriflettu fuq is-suġġett "Internet: Forum ġdid għax-xandir ta' l-Evanġelju".

2. L-Internet huwa żgur "forum" ġdid skond it-tifsira li kienet tingħata lil din il-kelma f'Ruma tal-qedem, jiġifieri spazju pubbliku, fejn kienu jitmexxew il-politika u n-negozju, fejn kienu jseħħu d-dmirijiet reliġjużi, fejn kienet tiżvolġi l-biċċa l-kbira tal-ħajja soċjali tal-belt u fejn in-natura

umana kienet tesponi ruħha fl-aħjar u fil-agħar tagħha. Kien spazju ffullat u konfuż li kien jirifletti l-kultura li kienet tispikka f'dik il-belt ta' Ruma, iżda li ħoloq kultura għalih waħdu. Dan jgħodd ukoll għall-ispazju eletroniku, li hu bħal wisa' ġdid li qed jinfetaħ quddiemna fil-bidu ta' dan il-millennju. Bħall-wisgħat ta' perjodi oħra ta' l-istorja, dan ukoll jiġbor fih taħlita ta' perikli u wegħdiet u mhuwiex nieqes minn dak is-sens ta' avventura li kien il-karatteristika ta' perjodi oħra ta' tibdil kbir. Lill-Knisja, l-ispazju eletroniku jistedinha għall-avventura kbira biex tuża l-potenzjal tagħha biex ixxandar il-messaġġ ta' l-Evanġelju. Din l-isfida qegħda fil-qalba ta' dak li jfisser fil-bidu ta' dan il-millennju tobdi l-kmand ta' Kristu biex "naqfu 'l barra fil-fond" (Lq 5,4).

3. Il-Knisja tersaq lejn dan il-mezz b'realiżmu u fiduċja. Bhal kull mezz ieħor ta' komunikazzjoni, huwa mezz u mhux skop fih innifsu. L-internet jista' joffri opportunitajiet tassew kbar ta' evanġelizzazzjoni kemm-il darba jiġi wżat b'kompetenza u b'għarfien ċar tal-qawwa ta' dan il-mezz kif ukoll tad-dgħufijiet tiegħu. Fuq kollox billi joffri informazzjoni u jqajjem l-interess, dan il-mezz jagħmel possibbli l-ewwel laqgħa ma' l-Evanġelju, b'mod speċjali għaż-żgħażagħ li qegħdin jirrikorru dejjem iżjed għall-internet u jqisuh bħala tieqa fuq id-dinja. Għalhekk huwa importanti li l-komunità Nisranija tirrifletti dwar triqat kemm jista' jkun prattiċi biex tgħin lil dawk li jiltaqgħu għall-ewwel darba mal-Kristjaneżmu fuq l-internet jgħaddu mid-dinja virtwali ta' l-ispazju eletroniku għad-dinja reali tal-komunità Nisranija.

Bħala pass aktar 'il quddiem, l-internet jista' wkoll jagħmel aktar faċli l-kontinwazzjoni fit-tagħrif li teħtieġ l-evanġelizzazzjoni. F'kultura li ma toffrilha l-ebda appoġġ, il-ħajja Nisranija teħtieġ istruzzjoni u katekeżi permanenti u forsi dan huwa l-qasam fejn l-internet jista' jiżgura għajnuna mill-aħjar. Diġà nsibu fl-internet minjiera bla qies ta' informazzjonijet, dokumentazzjoni u istruzzjoni dwar il-Knisja, l-istorja tagħha u l-impenn tagħha f'kull qasam fl-inħawi kollha tad-dinja. Ghalhekk hija ħaġa ċara li għalkemm ma jistax jieħu post l-esperjenza profonda ta' Alla li biss il-ħajja liturġika u sagramentali tal-Knisja tista' toffri, l-internet żgur li jista' joffri suppliment u għajnuna unika, kemm fit-thejjija għal-laqgħa ta'

Kristu fil-komunità kif ukoll bħala għajnuna lil dawk li jibdew jemmnu fil-mixja tagħhom tal-fidi.

4. Minkejja dan kollu, bilfors li jqumu xi kwistjonijiet neċessarji, ukoll jekk wieħed jistennihom dwar l-internet li jintuża fl-evanġelizzazzjoni. Il-karatteristika essenzjali ta' l-internet hija dik li jfornina b'minjiera bla qies ta' tagħrif, li ħafna minnu ma jkollux ħajja twila. F'kultura li hija mdorrija ssostni lilha nnifisha bi ħwejjeġ li jgħaddu, tkun ħaġa ħafifa għalina li nsibu ruħna fil-periklu li nemmnu li l-fatti jiswew aktar mill-valuri. Meta dawn ta' l-aħħar jittraskurahom, il-bniedem jibda jħoss in-nuqqas tagħhom u jsibha ħaġa ħafifa jagħlaq għajnejh għad-dinjità tranxendentali tiegħu. Minkejja l-potenzjal enormi għat-tajjeb li għandu l-internet, kulħadd jaf bil-mod degradanti u ta' ħsara ta' kif jista' jiġi użat. L-awtoritajiet pubbliċi ma jistgħux jaħarbu mir-responsabbiltà tagħhom li jiggarantixxu li dan il-mezz tal-għaġeb jaqdi l-ġid komuni u ma jsirx għajn ta' ħsara.

Minbarra hekk, l-internet jagħti sura ġdida u radikali lir-relazzjoni psikoloġika tal-persuna ma' l-ispazju u ż-żmien. Jiġbed l-attenzjoni tagħna għal dak li nistgħu mmissu b'idejna, għal dak li jidher li għandu siwi u li jista' jinkiseb minnufih. Jista' jiġri li f'dan il-każ ikun nieqes l-istimolu għall-ħsieb u għar-riflessjoni aktar fil-fond, għax il-bniedem għandu bżonn taż-żmien u tat-trankwillità interjuri biex ikun jista' jiżen u jqis il-ħajja u l-misterji tagħha u biex ftit ftit jikseb ħakma matura fuqu nnifsu u fuq id-dinja ta' madwaru. Il-fehma u l-għerf huma l-frott ta' għajn kontemplattiva fuq id-dinja u ma jitweldux biss mill-ksib tal-fatti, ukoll jekk dawn ikunu interessanti. Huma l-frott tad-dehen li jinfed sal-qalba tat-tifsira tal-ħwejjeġ f'relazzjoni waħda ma' l-oħra u mar-realtà sħiħa. Minbarra hekk, bħala forum li fih, biex ngħidu hekk, kollox huwa milqugħ u kważi xejn ma għandu ħajja twila, l-internet jgħin għal mod relattivistiku tal-proċess tal-ħsieb u xi drabi jimbotta lill-bniedem biex jaħrab mir-responsabbiltà u l-impenn personali tiegħu.

F'dan l-isfond, kif għandna nikkultivaw dak il-għerf li ma jiġix biss mill-informazzjoni imma mid-dehen, mill-għerf li jifhem id-differenza bejn it-tajjeb u l-ħażin u jibqa' jżomm l-iskala ta' valuri li joħorġu minn din id-differenza?

5. Il-fatt li bl-internet, persuna tista' tkattar il-kuntatti tagħha ma' persuni oħra b'modi li bih qatt qabel ma konna biss noħolmu bihom, joffri possibbiltajiet ta' l-għaġeb għax-xandir ta' l-Evanġelju. Imma huwa wkoll veru li r-relazzjonijiet bl-eletronika qatt ma jistgħu jaslu biex jieħdu l-post tal-kuntatt dirett bejn il-bnedmin, li teħtieġ evanġelizzazzjoni awtentika. Għax l-evanġelizzazzjoni tiddependi dejjem mix-xiehda personali ta' min jintbagħat biex jevanġelizza (ara Rum 10, 14-15). Kif tista' l-Knisja twassal minn dik is-sura ta' kuntatt, li jsir possibbli bl-internet, għal dik il-komunikazzjoni aktar fil-fond li jeħtieġ ix-xandir Nisrani? Kif nistgħu niżviluppaw l-ewwel kuntatt u l-ewwel bdil ta' informazzjoni li l-internet jagħmel possibbli?

Mingħajr dubju, ir-rivoluzzjoni eletronika għandha fiha nfisha l-wegħda ta' progressi kbar għad-dinja fit-triq ta' l-iżvilupp, iżda tista' wkoll tkabbar l-inegwaljanzi li ġa jeżistu għax id-differenza bejn l-informazzjoni u l-komunikazzjoni ssir aktar wiesgħa. Kif nistgħu niggarantixxu li r-rivoluzzjoni ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjonijiet, li għandha l-ewwel imbuttura tagħha fl-internet, taħdem b'riżq il-globalizzazzjoni ta' l-iżvilupp uman u tas-solidarjetà, oġġettivi li huma marbutin mill-qrib mal-missjoni ta' evanġelizzazzjoni tal-Knisja?

Fl-aħħarnett, f'dawn iż-żmenijiet diffiċli, ippermettuli nistaqsi: kif nistgħu niggarantixxu li dan il-mezz ta' l-għaġeb, li kellu l-bidu tiegħu fil-qasam ta' l-operazzjonijiet militari, jista' issa jintuża għall-kawża tal-paċi? Kif jista' jmexxi 'l quddiem dik il-kultura ta' djalogu, ta' parteċipazzjoni, ta' solidarjetà u ta' rikonċiljazzjoni, li mingħajrhom il-paċi ma tistax twarrad? Il-Knisja temmen li dan huwa possibbli. Biex tagħti garanzija tiegħu, il-Knisja hija deċiża li tidhol f'dan "il-forum ġdid", armata bl-Evanġelju ta' Kristu, li hu l-Prinċep tal-Paċi.

6. L-internet jagħmilha possibbli li miljardi ta' immaġni jidhru fuq miljuni ta' *monitors* fid-dinja kollha. Minn dan il-biżibilju ta' immaġni u ħsejjes joħroġ il-wiċċ ta' Kristu? Se tinstema' l-vuċi tiegħu? Għax huwa biss meta d-dinja tara l-wiċċ ta' Kristu u tisma' l-vuċi tiegħu li d-dinja tagħraf "il-bxara t-tajba" tal-fidwa tagħna. Dan huwa l-għan ta' l-evanġelizzazzjoni u dan huwa dak li jagħmel mill-internet spazju uman

awtentiku, għax jekk ma jkunx hemm wisa' għal Kristu, ma jkunx hemm wisa' għall-bniedem. Għalhekk, f'dan il-Jum Dinji ta' Komunikazzjoni, inħeġġeġ lill-Knisja kollha li bil-kuraġġ kollu tgħaddi minn dan il-bieb, biex taqdef fil-fond ta' l-internet, biex ukoll il-lum bħal fl-imgħoddi l-impenn nobbli ta' l-Evanġelju u l-kultura ikun jista' juri lid-dinja "l-glorja ta' Alla li tiddi f'wiċċ Kristu" (2 Kor 4,6). Nitlob lill-Mulej ibierek lil dawk kollha li jaħdmu għal dan il-għan.

Ġwanni Pawlu II

Belt tal-Vatikan
24 ta' Jannar 2002,
Festa ta' San Franġisk de Sales.

# ITTRA LIS-SAĊERDOTI minn Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca f'għeluq il-Ħamsin Sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu

## Ragħaj u Qaddej

Għeżież ħuti saċerdoti,

Qisu l-bieraħ. Għaddew ħamsin sena minn meta, bħala djaknu żagħżugħ mixħut għal tuli f'nofs il-knisja antika ta' San Ġakbu, ir-Rabat, Għawdex, fil-preżenza tal-ġenituri tiegħi, ħuti, ħbieb u ġirien, jiena rċevejt l-ordinazzjoni saċerdotali bit-tqegħid ta' l-idejn tal-mibki u maħbub E.T. Mons. Isqof Ġużeppi Pace.

Il-ġurnata kienet it-8 ta' Marzu, elf disa' mija u tnejn u ħamsin. Gerbu ħamsin sena minn dak il-jum u l-lum, għall-grazzja ta' Alla, qed niċċelebra b'radd il-ħajr lill-Mulej, il-Ġublew Saċerdotali tiegħi.

## Qassis għal dejjem

Il-Ġublew Saċerdotali għandu tifsira speċjali għalina s-saċerdoti. Huwa jfakkarna mill-ġdid kemm il-Mulej iħobbna, tant li għoġbu jagħtina sehem mis-saċerdozju waħdieni tiegħu. Is-sejħa għas-saċerdozju ministerjali hija tassew sejħa partikolari; tant li, fl-Ittra lil-Lhud (5,4) naqraw li ħadd ma għandu jieħu dan il-ġieħ b'idejh għalih innifsu, imma biss min hu msejjaħ minn Alla. Inkomplu naqraw, fl-istess Ittra: "Kristu ma tax lilu nnifsu l-ġieħ li jkun il-qassis il-kbir. Dan il-ġieħ tahulu Alla Missieru, li qallu: 'Int qassis għal dejjem, skond l-ordni ta' Melkisedek'.

Din is-sejħa partikolari għas-saċerdozju ministerjali nsibuha msemmija wkoll fl-Ittra li l-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu kiteb lilna s-saċerdoti, fl-okkażjoni tal-ħamsin sena tas-saċerdozju tiegħu, sitt snin ilu.

Il-Papa qalilna li Kristu nnifsu wkoll ġie msejjaħ għas-saċerdozju meta Alla Missieru sejjaħlu biex jidħol fid-dinja u jsir bniedem biex ikun qassis għal dejjem, il-Qassis waħdieni tal-Patt il-Ġdid.

Is-saċerdozju ta' Kristu għandu l-bidu tiegħu fit-Trinità Mqaddsa u l-għeruq tiegħu fl-għemil tal-fidwa tagħna. Kristu, bis-saħħa ta' demmu, huwa saċerdot tas-sagrifiċċju tiegħu stess għaliex, kif jgħidilna l-Konċilju Vatikan II, huwa offra lilu nnifsu vittma safja lil Alla għall-fidwa ta' kulħadd.

Quddiem dan il-misteru tas-Saċerdozju ta' Kristu, għalina s-saċerdoti l-ġublew saċerdotali huwa żmien tajjeb biex niġġeddu fl-għarfien tagħna ta' kemm il-Mulej iħobbna, tant li għoġbu jsejħilna fil-Knisja tiegħu għas-saċerdozju ministerjali tal-Patt il-Ġdid, billi jagħtina sehem mis-saċerdozju waħdieni tiegħu.

**Grazzi, l-ewwelnett lill-Mulej**

Din l-imħabba partikolari ġġegħilni ngħid 'grazzi' lill-Mulej Ġesù għaliex għoġbu jagħżilni, mingħajr ebda mertu tiegħi, sa minn qabel ma kont mistur f'ġuf ommi, biex inkun saċerdot tiegħu; u dan minkejja li minn dejjem kien jaf x'se jkunu d-dgħufijiet tiegħi.

Nirringrazzja lill-Mulej għaliex huwa dejjem għenni fil-qadi tas-saċerdozju ġerarkiku tiegħi. Irroddlu ħajr ukoll tal-frott kollu tal-ħajja saċerdotali tiegħi.

Nafu lkoll li aħna qaddejja li ma niswew għal xejn, iżda jeħtieġ li dejjem irroddu ħajr lill-Mulej li ried jagħmilna ministri tiegħu.

Nixtieq nirringrazzja wkoll lis-saċerdoti djoċesani u reliġjużi, lill-persuni ta' Ħajja Konsagrata u lil-lajċi kollha li, min b'mod u min b'ieħor, b'tant imħabba u dedikazzjoni għenuni fil-qadi ta' dmirijieti.

Irrodd ħajr ukoll lil dawk kollha li l-Provvidenza ta' Alla qegħdithom fit-triq tas-saċerdozju tiegħi — quddiemnett lill-ġenituri tiegħi, li bil-kelma u l-eżempju tagħhom kienu rigal ta' Alla għalija.

**Ħamsin sena servizz**

Fil-ħamsin sena li għaddew, il-Mulej għoġbu jqiegħed quddiemi mixja twila ta' servizz.

Is-servizz saċerdotali tiegħi jiena bdejtu f'Għawdex.

Fiż-żmien li kont naqdi l-ministeru saċerdotali tiegħi hemmhekk, l-aktar fil-Kurja ta' l-Isqof u s-Seminarju ta' Għawdex, ġejt imsejjaħ biex nagħti s-servizz tiegħi f'Ruma.

Fin-nofs tas-sena 1974, ġejt imsejjaħ biex inkun l-Isqof Awżiljarju tal-mibki u maħbub E.T. Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi. Bħala suċċessur ta'

l-Appostli, li kienu mogħnija minn Kristu b'effużjoni speċjali ta' l-Ispirtu s-Santu, l-E.T. Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi, bit-tqegħid ta' idejh, permezz tal-konsagrazzjoni episkopali tani l-milja tas-Sagrament ta' l-Ordni. Kien id-29 ta' Settembru 1974, Festa ta' San Mikiel Arkanġlu.

Fit-12 ta' Diċembru 1976, ingħatawli mill-Mulej il-missjoni u l-inkarigu li neżerċita personalment f'isem Kristu t-tmexxija tal-Knisja partikolari f'Malta. Bħala l-Arċisqof ta' Malta, ingħatali wkoll id-dmir li nqaddes lill-oħrajn u li ngħallem u mmexxi, f'komunjoni mal-Papa, mal-membri tal-Kulleġġ Episkopali u megħjun minn saċerdoti u lajċi.

## L-akbar xiehda

Il-Knisja f'Malta għandha tassew għaliex trodd ħajr lill-Mulej. Il-preżenza tas-saċerdoti, kemm djoċesani u kemm reliġjużi, li f'għaqda sħiħa ma' l-Isqof jaħdmu, kulħadd skond is-sejħa u l-grazzja li għandu, għall-ġid tal-Knisja kollha, hija grazzja kbira. Din hija l-akbar xiehda li tistenna u trid tara l-komunità nisranija minna s-saċerdoti. Meta din ix-xiehda tkun imxellfa jew nieqsa, ikun hemm bżonn li jiżdied u joktor it-talb.

Kull komunità nisranija tissaħħaħ ħafna fil-fidi, fit-tama u fl-imħabba, meta tara lis-saċerdoti tagħha, kemm djoċesani kif ukoll reliġjużi, jaħdmu f'għaqda sħiħa ma' l-Isqof biex imexxu l-komunitajiet fdati f'idejhom u jqaddsuhom, l-aktar billi f'kull ma jgħidu u jagħmlu jkunu dejjem xhieda ta' Kristu u tagħlimu, kif twassalulna l-Knisja.

Dawn huma saċerdoti skond il-qalb ta' Ġesù.

Is-saċerdot ikun tassew xhud ta' Kristu u tagħlimu meta jkun tabilħaqq kooperatur ta' l-Isqof, jiġifieri jkun strument f'idejh l-aktar bl-ispirtu ta' l-ubbidjenza.

Din il-kwalità ta' ubbidjenza mhix tant lejn il-persuna ta' l-Isqof, iżda lejn il-ministeru li għandu.

Hija forma ta' ubbidjenza li titnissel minn spirtu ta' fidi u titgħajjex bit-talb.

Dan jitlob li aħna s-saċerdoti nifhmu sewwa l-ħtieġa tat-talb, li jgħinna ngħixu skond is-sejħa vera tagħna u hekk inkunu nistgħu nfiehmu lil ħaddieħor ukoll is-sbuħija ta' l-ispirtu ta' l-ubbidjenza.

L-Isqof, imbagħad, fuq l-eżempju ta' Kristu, li lid-dixxipli tiegħu sejħilhom mhux qaddejja, iżda ħbieb, irid iqis lis-saċerdoti li jikkoperaw miegħu bħala wlied u ħbieb.

**Sogħba u awgurju**

Il-Ġublew Saċerdotali tiegħi, filwaqt li jfakkarni f'kemm imħabba u sabar wera miegħi l-Mulej u kemm tani għajnuna matul il-ħamsin sena li għaddew, ifakkarni wkoll fil-ħafna nuqqasijiet tiegħi. Ta' dan nitlob lill-Mulej jaħfirli.

Jiġu wkoll quddiem għajnejja sew is-saċerdoti u wkoll il-lajċi li jħossu li jien inqasthom jew weġġajthom. Lil dawn ukoll nitlobhom maħfra.

Għeżież saċerdoti, jiena naf kemm sagrifiċċji tagħmlu biex tkunu rgħajja u qaddejja tal-komunità Maltija u biex taħdmu mal-poplu, għall-poplu u fost il-poplu.

Naf kemm, minkejja l-għeja u d-dgħufija umana, tfittxu li tkunu għas-servizz tan-nies.

Il-komunità tagħna dan tafu wkoll. L-imħabba u l-għożża li l-poplu għandu u juri għalina s-saċerdoti nafuha u narawha lkoll.

Dan inissel fina ferħ kbir u qawwa spiritwali akbar.

Inħeġġiġkom, minn qiegħ qalbi, biex aħna s-saċerdoti nkunu ħaġa waħda bejnietna u ma nehdew qatt nisimgħu, nifhmu, nagħdru, infarrġu u ngħinu lil kull min jiġi għandna.

Nitlobkom biex ma tehdew qatt tfittxu u terfgħu fuq spallejkom in-nagħġa li togħtor jew titlef it-triq.

Ninkuraġġikom tilqgħu u tħaddnu lil kulħadd, speċjalment liż-żgħir u lill-batut, bl-istess imħabba u fedeltà li wriena u għallimna Kristu.

Jalla, kull wieħed minna, ikunu xi jkunu ż-żmien u ċ-ċirkustanzi, inkunu dejjem rgħajja u qaddejja ta' kulħadd - eżatt bħalma kien Kristu, is-Saċerdot Etern.

Jalla wkoll, ilkoll kemm aħna, nagħrfu nerfgħu dejjem tajjeb ir-responsabbiltà kbira li għandna li nxandru sewwa l-Evanġelju, u li nkunu dejjem qaddejja leali ta' Kristu kif għadu jgħix fix-xirka tal-Knisja tiegħu.

Il-Mulej, tant għani fl-imħabba u l-ħniena, ikun magħna lkoll.

**Ċirkulari Numru 427**

# 50 ANNIVERSARJU TA' L-ORDINAZZJONI SAĊERDOTALI TA' MONSINJUR ARĊISQOF

Nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Marzu, ja]bat il-Ħamsin anniversarju ta' l-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Monsinjur Arċisqof.

Huwa xieraq li f'dak il-jum fit-talb tagħna niftakru b'mod speċjali fir-Ragħaj Spiritwali tag]na u fl-intenzjonijiet tiegħu.

Biex ningħaqdu lkoll f'dan it-talb, jixraq li dakinhar fil-knejjes kollha ta' l-Arċidjoċesi fejn tiġi ċelebrata aktar minn Quddiesa waħda, waħda minnhom tkun dik "Għall-Isqof" (ara Sagramentarju Malti, paġna 878). Fit-Talba tal-Fidili tal-Quddies kollu tal-Ġimgħa, 8 ta' Marzu, għandha tiżdied din l-invokazzjoni: 'Mulej, ħares u seddaq lill-Arċisqof tagħna biex ikun għalina ta' ġid fir-ruħ, bil-kelma u bl-eżempju, ħa jwassalna miegħu fil-hena ta' dejjem'.

Nhar il-Ħadd, 10 ta' Marzu, fil-5.30 ta' filgħaxija, fil-Konkattidral ta' San Ġwann, Valletta, Monsinjur Arċisqof se jmexxi Quddiesa konċelebrata ta' radd il-ħajr lil Alla. Is-Saċerdoti kollha, djoċesani u reliġjużi, li ma jkunux diġà ittrinaw huma mistiedna jikkonċelebraw.

Il-membri ta' Istituti ta' Ħajja Konsagrata, il-membri tal-Għaqdiet u Movimenti Kattoliċi u l-lajċi kollha huma mistiedna jieħdu sehem f'din il-Quddiesa.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 25 ta' Frar 2002.

✠ Annetto Depasquale, Isqof Aw\iljarju, Vigarju Ġenerali
Mons. Carmel Zammit, Kanċellier

**Ċirkolari Numru 428**

# ĠIMGĦA TA' SAGRIFIĊĊJU 2002

Bħal snin oħra, is-Segretarjat Assistenza Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika se jorganizza "Ġimgħa ta' Sagrifiċċju" minn nhar il-Ġimgħa tad-Duluri, 22 ta' Marzu sad-29 ta' Marzu, il-Ġimgħa l-Kbira.

Għal dan l-iskop, matul id-dati msemmija hawn fuq, f'kull knisja fl-Arċidjoċesi għandhom jitqegħdu kaxxi bil-kitba "Ġimgħa ta' Sagrifiċċju", biex nitfgħu fihom l-offerti tag]na.

Bis-saħħa ta' l-offerti ġenerużi tagħna, speċjalment matul il-Ġimgħa tas-Sagrifiċċju, fis-snin li għaddew is-Segretarjat Assistenza Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika għen materjalment ħafna individwi u familji fil-parroċċi. Ħarreġ ukoll persuni u saħħaħ l-organizzazzjoni tiegħu biex jingħata servizz kemm jista' jkun wiesa' lil ħutna li jinħtieġu diversi forom ta' għajnuna.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili, Floriana, illum 11 ta' Marzu 2002.

✠ Annetto Depasquale, Isqof Awżiljarju, Vigarju Ġenerali
Mons. Carmelo Zammit, Kanċellier

# PRAYER VIGIL FOR PEACE

## MESSAĠĠ TA' MERĦBA
## minn Mons Arċisqof Ġużeppi Mercieca

---

It is indeed a privilege for me to welcome you, representatives and members of various religions, to this Prayer Vigil for Peace.

As we walked together from outside the walls of this old and silent city, Mdina, to this cathedral, we made our own the prayer: "Lord, make me an instrument of your peace".

This invocation includes two profound truths that are very well balanced together. On the one hand, it acknowledges that peace comes from God and is his blessing. On the other hand, peace is brought about by praying and allowing God to use us as instruments of his peace.

In this context, I am sure that each and everyone of us feels grateful to our Heavenly Father for this particular point in time that we are experiencing together.

We are representatives and members of various religions gathered together with the same intent: that of praying to Almighty God to grant humanity true and lasting peace.

This unity of minds and souls is a special event that will surely linger for a very long time in our minds.

Our presence in this cathedral is a prompt and sincere response to the Holy Father's appeal to pray together for peace.

The Catholic Church in the world is today united in prayer in preparation for tomorrow's historic religious meeting in Assisi, to be led by the Holy Father.

At this particular moment in history, marked by grave episodes of violence which show all their negativity when confronted with the demands posed by respect for human life, the Holy Father is humbly urging all mankind to turn, through prayer, to our Creator, rich in love and mercy, to grant us his true peace.

Mdina, 23 January 2002

# FESTA TA' SAN FRANĠISK DE SALES, PATRUN TAL-ĠURNALISTI

## MESSAĠĠ
ta' Mons Arċisqof Ġużeppi Mercieca

### Xandir, flus u dinjità umana

Għadna kemm ħriġna miż-żmien sabiħ tal-Milied.

Waħda mill-ġrajjiet l-iżjed impressjonanti ta' dan iż-żmien hija l-qawwa kbira li l-media wriet li għandha biex tqanqal u tinkuraġġixxi lin-nies ħalli fil-Milied jaħsbu fi u jgħinu iktar mis-soltu lill-batut u lill-fqir tal-lum.

Ngħid dan b'sens ta' sodisfazzjon u wkoll b'sens ta' radd il-ħajr 'l Alla u lill-poplu kollu tagħna.

Hija ħaġa sabiħa tara l-media jħabirku biex isaħħu l-imħabba li hemm f'qalb il-poplu ġeneruż tagħna favur l-istituzzjonijiet tagħna ta' karità. Dan huwa ġest li jiswa mitqlu deheb quddiem l-ispejjeż kbar li għandhom dawn l-istituzzjonijiet tagħna fil-qadi tagħhom lill-oħrajn.

**Ħeġġa tajba**

Din il-ħeġġa tal-media favur inizjattivi ta' solidarjetà mal-bniedem li qed ibati narawha wkoll, tista' tgħid, matul is-sena kollha.

Ma jaqtgħux il-kitbiet u l-kummenti li juru x-xogħol ta' dawk li professjonalment jew volontarjament jiddedikaw lilhom infushom biex jgħinu lill-proxxmu.

Lanqas ma tonqos il-ħerqa tal-ġurnalisti biex juruna sitwazzjonijiet ta' individwi jew gruppi li jkunu qed ibatu għaliex is-soċjetà ma tkunx taf, jew ma tkunx qed tifhem biżżejjed, is-sitwazzjoni li jkunu fiha.

Meta, f'dan ix-xogħol, il-media jkunu mqanqlin mill-imħabba għall-bniedem, speċjalment il-bniedem fit-tbatija, il-media jkunu qed jaqdu missjoni sabiħa li għaliha jkun ħaqqhom it-tifħir u l-inkuraġġiment ta' kull bniedem ta' rieda tajba.

Jiena nħoss li, dak li jqanqal lin-nies tal-media f'pajjiżna f'dan l-impenn, fil-maġġoranza l-kbira tal-każi hija l-imħabba għall-bniedem.

Mill-banda l-oħra, b'dispjaċir ikolli nistqarr li nibża' li din l-imħabba għall-bniedem, kultant, bħal donnha titwarrab jew tgħib. Dan jiġri meta l-media, fl-għażliet li spiss ikunu jridu jagħmlu, jinqabdu fin-nassa li, fl-għażla ta' x'joffru lill-poplu ġieli jingħelbu mill-għatx għall-popolarità u għall-udjenzi, mill-esiġenzi tal-flus, jew mill-għamad politiku.

Dan jgħodd, b'mod partikolari, għall-mezzi tax-xandir.

**Sitwazzjonijiet kundannabbli**

Ix-xandir lokali, b'mod ġenerali, m'għandux it-tip ta' tbajja' koroh li għandu x-xandir f'ċerti pajjiżi, fejn spiss sar jgħaddi kollox. Madankollu, ċerti sinjali li qed ifeġġu ma jistgħux ma jinkwetawx lil min jixtieq jara l-valuri tal-poplu tagħna jissaħħu, mhux jitnawru.

Wieħed malajr jittendi li t-tellieqa bejn l-istazzjonijiet televiżivi lokali għall-udjenzi u l-flus li dawn jiġġeneraw mir-reklamar, saret qawwija ħafna. Dan mhux ħaġa ħażina fih innifsu. Iżda meta f'din it-tellieqa jibda jkun hemm min jinsa jirrispetta kif imiss id-dinjità tal-bniedem, jew jibda jilgħab bl-emozzjonijiet tan-nies basta jżid in-numru tat-telespettaturi u d-dħul tal-flus, allura tibda tinżera' l-ħsara.

Ikolli wkoll nistqarr, b'dieqa kbira, li jkun hemm xi okkażjonijiet fejn dak li nara jew nisma' f'ċerti programmi lokali jweġġagħni jew jiddisgustani.

Qed nirreferi għal każi ta' xeni ta' vjolenza jew degradazzjoni inumana; ċertu diskors moralment immatur u inaċċettabbli li jista' jinkuraġġixxi taħlit sesswali irresponsabbli; u ċerti mġibiet laxki bħallikieku xejn mhu xejn u kollox jgħaddi.

Ma jistax ikun li, filwaqt li l-ġenituri u l-edukaturi jistinkaw tant biex fit-tfal u ż-żgħażagħ inisslu u jkabbru valuri tajbin li jibnuhom f'irġiel u nisa ta' karattru li jħobbu l-proxxmu, ikun hemm min jagħmel, jew jippermetti li fuq stazzjonijiet tax-xandir isiru programmi b'kontenut li jherri l-valuri umani, ibaxxi l-bniedem, u fin-nies jista' jqanqal sentimenti koroh jew perikolużi.

Ma jistax ikun li l-popolarità jew il-flus jirbħu fuq il-formazzjoni tajba u l-ġid sħiħ tal-bniedem.

Hemm bżonn li min hu responsabbli, fl-istazzjonijiet tax-xandir infushom u fuq livell nazzjonali, jara li dawn l-affarijiet jitrażżnu. Gwaj

jekk, flok ir-riedni jinġibdu lura bis-serjetà, ikun hemm min, b'xi skuża jew oħra, ifarfar ir-responsabbiltà jew jinħeba wara xi paravendu.

Il-liġi u l-aġenti tal-liġi għandhom id-dover sagrosant li jipproteġu l-ġid komuni, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam mat-tfal, iż-żgħażagħ u l-membri l-iktar vulnerabbli tas-soċjetà.

**Lingwaġġ deplorevoli**

Ħaġ'oħra li tinkwetani ħafna hija l-lingwaġġ iebes u ta' tkeskis li ġieli jintuża. Dan jiġri l-iżjed f'ċerti programmi tar-radju bis-sehem tas-semmiegħa, fil-konfront ta' persuni oħrajn, speċjalment nies li qed jagħtu servizz fil-qasam politiku.

Hawnhekk ukoll hemm bżonn ta' rażan serju, effettiv u fil-ħin.

Ma jistax ikun li nissugraw li nispiċċaw biex nidraw, bħallikieku mhu qed jiġri xejn, ċertu lingwaġġ inġurjuż, kattiv jew ta' firda.

Diskors bħal dan hu ta' min jistmerru.

Ħadd mhu ġustifikat jgħajjar, jiddisprezza jew jikkalunja lil ħaddieħor.

Ħadd mhu skużat, għall-ebda raġuni, li jfajjar addoċċ kliem dispreġjattiv, jew qlajjiet bla provi, kontra l-proxxmu tiegħu.

Ħadd mhu ġustifikat juża', b'xi mod li jkun, il-mezzi ta' komunikazzjoni biex isaħħan l-irjus jew iħarrax il-qlub kontra r-rivali tiegħu jew min ma jarax għajn m'għajn miegħu.

Fejn hemm bżonn tad-dixxiplina f'dak li jingħad jew fil-mod kif jingħad, din id-dixxiplina għandha sseħħ b'mod effettiv, mingħajr ħarsien lejn uċuħ u mingħajr sulluzzu.

Anke f'dan il-qasam, min hu responsabbli, fl-istazzjonijiet stess tar-radju u f'kontest nazzjonali, hemm bżonn jara, sewwa u fil-ħin, li dawn l-affarijiet jitrażżnu u jinqatgħu darba għal dejjem.

Jekk min hu fid-dmir li jagħmel dan jonqos milli jaġixxi, ikun qed jgħabbi lilu nnifsu b'responsabbiltà gravi.

**Edukazzjoni**

Inħeġġeġ lid-diriġenti ta' l-istazzjonijiet tax-xandir u lil kulħadd, biex il-Mass Media nużawhom dejjem u biss b'mod li jgħin biex il-bniedem jinbena dejjem iżjed fl-apprezzament u l-ħarsien tad-dinjità kbira li tah il-Mulej.

Nappellalhom biex il-Mass Media jużawhom ukoll ħalli jgħinu lil kulħadd, speċjalment lit-tfal u liż-żgħażagħ, jikbru fl-għażla bejn dak li

għandu valur u dak li m'għandux; bejn dak li jressaq il-bniedem lejn il-milja tiegħu u dak li jgħoddsu fil-ħama.

Hemm ħafna li hu tajjeb fil-Mass Media lokali, inkluż fl-istazzjonijiet televiżivi u tar-radju. Imma rridu noqogħdu attenti. Irridu nieħdu ħsieb li fil-basket tal-frott tajjeb ma jkunx hemm ukoll xi frotta jew frottiet imħassra li, bil-mod il-mod, iħassru l-frott kollu.

Jiena għandi fiduċja kbira li kull min għandu rieda tajba jilqa' dan il-messaġġ bħala parir ġenwin, ħiereġ mill-qalb, bit-tama li l-Mass Media lokali jirnexxilhom iżommu rashom, kollha kemm huma u f'kull każ, 'il fuq mill-ilma mniġġes tad-degradazzjoni umana.

Għandi fiduċja sħiħa li kull min ifittex tassew l-għajnuna ta' Alla, jagħraf malajr x'inhu tajjeb u jkollu l-kuraġġ iwettqu b'determinazzjoni - ikun x'ikun is-sagrifiċċju.

Istitut Kattoliku, Floriana
24 ta' Jannar 2002

# ĊELEBRAZZJONI TAL-KANDLORA

## KONĊELEBRAZZJONI FIL-KON KATTIDRAL

---

Fl-okkażjoni tal-Festa tal-Preżentazzjoni ta' Ġesù fit-Tempju, magħrufa bħala l-Festa tal-Kandlora, Mons Arċisqof Ġużeppi Mercieca se jmexxi Konċelebrazzjoni li se ssir nhar it-Tnejn, 4 ta' Frar 2002 fis-6.00pm, fil-Kon Kattidral ta' San Ġwann.

Oriġinarjament, f'din iċ-ċelebrazzjoni kull Kappillan kien joffri lill-Arċisqof xemgħa bħala turija tar-rispett, il-fedeltà u l-istima tiegħu lejh u lejn il-Vigarju Ġenerali tiegħu. L-għeruq ta' din id-drawwa huma fil-fatt li d-dawl tax-xemgħa jfakkar lil Kristu bħala d-dawl tal-ġnus. Fiż-żmien tal-lum, ix-xemgħa tiġi offerta lill-Arċisqof mill-President u s-Segretarju tal-Kunsill tal-Kulleġġ tal-Kappillani, f'isem il-Kappillani kollha. Il-Kappillani nfushom, akkumpanjati minn rappreżentanza tal-Parroċċi tagħhom, f'din iċ–ċelebrazzjoni issa qed joffru lill-Arċisqof parti simbolika ta' l-offerti li jkunu nġabru f'Jum il-Karità (20 ta' Jannar 2002).

L-offerta ta' flus ta' Jum il-Karità jitqassmu fost id-Djar tal-Knisja li jilqgħu tfal u żgħażagħ bla dar jew familja li tieħu ħsiebhom, is-Servizzi tal-Caritas Malta, id-Dar tal-Provvidenza, id-Dar għall-Anzjani, is-Segretarjat Assistenza Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika, u t-Taqsima Refuġjati tal-Kummissjoni Emigranti.

Fid-Djar tal-Knisja għat-Tfal bħalissa hemm madwar 300 tifel u tifla. Il-Caritas qed toffri 22 servizz differenti u tilħaq mijiet ta' nies. Fid-Dar tal-Provvidenza hemm residenti 125 persuna b'diżabbiltà. Fid-Djar għall-Anzjani hemm 720 persuna. Is-Segretarjat Assistenza Soċjali jgħin lil ħafna nies bi problemi diversi u fil-bżonn. It-Taqsima Refuġjati qed tgħin lil madwar 270 ruħ, fosthom 45 tifel u tifla, minn 19-il pajjiż differenti.

28 ta' Jannar 2002

# KUMMISSJONI TA' ESPERTI DWAR IL-KAŻ TAL-MADONNNA TA' L-GĦAR

Kummissjoni ta' Esperti Barranin u Maltin għandha tiltaqa' f'Malta bejn il-11 u l-14 ta' Frar 2002 biex tkompli tinvestiga u tiddiskuti l-każ tax-xbiha tal-Beata Verġni Marija, magħrufa bħala *Il-Madonna ta' l-Għar*.

Il-każ jirreferi għal dmugh ta' lewn ħamrani li deher fuq ix-xbiha tal-Madonna, li tinsab fil-knisja tal-Patrijiet Dumnikani, ir-Rabat, nhar is-6 u s-7 ta' Mejju 1999.

Il-Patrijiet Dumnikani ħadu ħsieb jiġbru x-xiehda dwar il-każ waqt li Mons Arċisqof Ġużeppi Mercieca ħatar lill-Esperti Forensiku Dr Anthony J Abela Medici biex jagħmel rapport.

Wara li rrefera l-każ lill-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi fil-Vatikan, Mons Arċisqof ħatar kummissjoni ta' sitt esperti bl-inkarigu li tkompli tinvestiga u tiddiskuti l-każ, u tagħti l-pariri tagħha lill-istess Mons Arċisqof.

Il-Kummissjoni ta' Esperti hija ffurmata minn:

– Padre Urbano Navarrete SJ, Esperti ta' fama mondjali fil-Liġi tal-Knisja u Konsultur ta' diversi Kongregazzjonijiet fil-Vatikan, li hu President tal-Kummissjoni;

– Padre Bonifacio Honings OCD, Konsultur tal-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin;

– Don Antonio Miralles, Fiżiku u Professur tat-Teoloġija fl-*Università della Santa Croce,* Ruma;

– Mons Carmelo Cassar, Professur Emeritu fit-Teoloġija Dommatika fl-Università ta' Malta;

Dun Pawl Galea, Psikologu u għalliem fl-Università ta' Malta;

Patri Charles Tabone OP, Soċjologu u għalliem fl-Università ta' Malta.

1 ta' Frar 2002

# IT-TAGĦLIM TAL-KNISJA DWAR IS-SEĦER U L-MAGĦMUL

L-Awtoritajiet tal-Knisja f'Malta jinnotaw li fil-Mass Media ġieli jkun hemm kitbiet jew kummenti fuq l-għemejjel ta' seħer u tal-magħmul. Jinnotaw ukoll li dawn il-kummenti spiss jimbuttaw lil xi wħud biex jistaqsu x'inhu t-tagħlim tal-Knisja Kattolika dwarhom. Fid-dawl ta' dan, l-Awtoritajiet tal-Knisja jħossu li għandhom ifakkru lil kulħadd li l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (2116, 2117) jgħallem dan li ġej:

Is-suriet kollha tat-*teħbir* għandhom jiġu mwarrba: titlob l-għajnuna ta' Satana jew ta' xi xjaten oħrajn; issejjaħ il-mejtin jew tagħmel kull sura ta' għemil ieħor li taħseb li bih tista' "tikxef" il-ġejjieni.

Tistħarreġ il-ġejjieni permezz ta' l-oroskopji, ta' l-astroloġija, tal-kiromanzija; tara f'xi fatti tħabbir ta' dak li se jiġri jew taqra x-xorti ta' xi ħadd; tinqeda b'dawk li jippretendu li jaraw ċar dak li hu 'l bogħod fiż–żmien u flimkien; titlob l-għajnuna ta' dawk li jippretendu li huma mezz biex isiru s-sħarijiet jew biex tkellem il-mejtin: dan l-għemil kollu juri li wieħed irid jaħkem iż–żmien, l-istorja, u fl-aħħar l-istess bnedmin u fl-istess ħin juri x-xewqa li jħabbeb miegħu setgħat moħbija. Dan kollu jmur kontra l-ġieħ u r-rispett li għandu jkollna għal Alla waħdu, flimkien mal-biża' kollha mħabba lejh.

L-għemejjel kollha ta' seħer u tal-magħmul li bihom dak li jkun jippretendi li jġiegħel joqogħdu għalih setgħat moħbija biex jaqduh ħalli jkollu setgħa sopranaturali fuq għajru – ukoll biex jagħtih saħħtu – huma kuntrarji b'mod tassew gravi għall-virtù tar-reliġjon. Dan l-għemil hu wisq aktar ta' min jikkundannah meta jkun hemm il-ħsieb li ssir ħsara lil ħaddieħor jew meta jintalab l-indħil tax-xjaten.

L-użu ta' l-amuleti, ta' xi ħaġa li wieħed iġib fuqu biex teħilsu minn xi għajn jew minn xi magħmul, hu wkoll ta' min jistmerru. *L-ispiritiżmu* spiss iħaddan fih teħbir u għemil ta' sħarijiet. Il-Knisja għalhekk twissi lill-insara biex iħarsu ruħhom minn dan kollu. M'hijiex xi ħaġa tajba u ta' min japprovaha, l-użu ta' xi prattika medika tradizzjonali biex issejjaħ is-setgħat tal-ħażen jew biex tipprofitta mill-kredulità tan-nies.

1 ta' Frar 2002

# ĊELEBRAZZJONI TAL-KANDLORA 2002

## MESSAĠĠ
## ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca

---

### Xiehda ta' għaqda u solidarjetà

Qed nagħmlu l-lum ċelebrazzjoni ta' għaqda u solidarjetà. Il-Festa tal-preżentazzjoni ta' Ġesù fit-Tempju hi sinjal ta' l-offerta ta' Ġesù lil Alla biex jgħaqqadna miegħu u bejnietna. Hi għalhekk festa ta' għaqda u solidarjetà. Inġbarna flimkien - Isqof, kappillani u rappreżentanti minn kull parroċċa ta' Malta - biex inġeddu r-rabta tagħna flimkien bħala ġemgħa ta' aħwa u dixxipli, fl-għaqda tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu. Qed infissru wkoll flimkien is-solidarjetà tagħna ma' dawk li huma fil-bżonn permezz ta' l-offerti tagħna.

Qabel xejn, irrid nurikom l-apprezzament tiegħi għall-ħidma kbira li qed issir fil-parroċċi: lill-kappillani u lis-saċerdoti kollaboraturi, lir-reliġjużi impenjati f'din il-ħidma, lill-kunsilli pastorali parrokkjali, lil tant nies li b'ġenerożità u b'dedikazzjoni qed jagħtu b'mod volontarju sehemhom għall-bini tas-saltna ta' Alla. Il-Mulej ibierek din il-ħidma tagħkom u jgħinkom biex dejjem tagħmluha bi spirtu ta' għaqda u solidarjetà.

### L-esperjenza tas-Sinodu Djoċesan

Il-Knisja f'Malta, bil-għan li tiġġedded fl-għaqda u s-solidarjetà bil-qawwa ta' l-Ispirtu ta' Alla, għaddejja bħalissa mill-esperjenza tas-Sinodu Djoċesan. Din is-sena hija sena mill-aktar importanti għall-ħidma tas-Sinodu. Tlett ijiem oħra, se terġa' tiltaqa' l-Assemblea tas-Sinodu, biex tiddiskuti oqsma li jolqtu mill-qrib il-ħajja tal-poplu u għalhekk il-ħidma pastorali tal-Knisja. Laqgħat bħal dawn se jsiru matul din is-sena kollha.

Is-Sinodu qed jistudja, fid-dawl tal-Kelma ta' Alla, il-ħajja tal-Knisja fi żmienna u fis-soċjetà tagħna, il-ministeri tax-xandir tal-kelma, taċ-ċelebrazzjoni u tal-qadi u l-ħidma għall-ġustizzja. Qed iqis ukoll bħala prijorità l-ħajja tal-familja u l-adolexxenti u ż-żgħażagħ. Dawn huma kollha oqsma ta' importanza kbira l-lum u jolqtu mill-qrib mhux biss lid-djoċesi,

imma lill-parroċċi kollha. Bl-iskop li l-parroċċi kollha jkollhom sehem mill-qrib f'dak li qed isir, fl-Assemblea tas-Sinodu hemm, fost l-oħrajn, rappreżentant minn kull parroċċa. Inħeġġiġkom ilkoll biex tagħtu importanza kbira lis-Sinodu, biex tagħmluh tagħkom ilkoll, fuq kollox biex titolbu ħafna lil Alla ħalli s-Sinodu jħalli ħafna ġid għall-Knisja f'Malta.

## Tisħiħ tal-komunjoni bejnietna

Nixtieq li s-Sinodu jgħin biex tissaħħaħ aktar il-komunjoni bejnietna. Kif jgħid il-Papa Ġwanni Pawlu II: 'Li nagħmlu l-Knisja d-dar u l-iskola tal-komunjoni: din hija l-isfida kbira li rridu nħabbtu wiċċna magħha fil-millennju li għadu kif beda, jekk irridu nkunu fidili għall-pjan ta' Alla u nwieġbu għax-xewqat l-aktar profondi tad-dinja'. (*Novo millennio ineunte* 43). Hi din l-ispiritwalità ta' komunjoni, kif isejħilha l-Papa, li trid tidħol aktar fil-vini tal-komunitajiet tagħna.

Irridu nitgħallmu aktar naħdmu flimkien, u nħossu li aħna parti minn Knisja waħda. Il-kelma 'Sinodu' tfisser 'mixja flimkien'.

Nixtieq nagħmlilkom appell — lilkom kappillani, membri tal-kunsilli pastorali parrokkjali, membri ta' għaqdiet u movimenti fil-Knisja: Ejjew naħdmu aktar flimkien, bi spirtu ta' kollaborazzjoni vera. Ejjew nagħrfu l-valur ta' ħidma li ssir flimkien. Ejjew ma nhedewx fin-niċċa tagħna, imma nibnu flimkien il-proġett ta' Knisja waħda li hi tal-poplu kollu.

Hi ħaġa sabiħa li f'ħafna parroċċi ssir Assemblea li tgħaqqad flimkien il-komunità kollha. Nixtieq li f'kull parroċċa jkun hemm din l-esperjenza.

Lilna lkoll Alla tana ħafna talenti u kariżmi. Din id-diversità turi ħafna lwien sbieħ fil-ħajja tal-Knisja, kif jidher ċar fis-Sinodu. Ejjew naħdmu biex dawn l-ilwien jiffurmaw il-qawsalla sabiħa ta' Knisja li tagħti xiehda ta' għaqda u solidarjetà.

Dan ma jfissirx li aħna ma jkollniex ideat differenti, u kultant ħsibijiet li ma jaqblux ma' ta' xulxin. Imma jfisser li, fi klima ta' djalogu veru ta' aħwa, nisimgħu lil xulxin, nitkellmu bil-libertà u bis-sinċerità, b'rispett lejn id-dinjità ta' xulxin. Il-komunjoni tgħaqqadna ħaġa waħda flimkien f'dak kollu li hu essenzjali, u tmexxina għal ftehim meqjus fi ħwejjeġ li huma miftuħa għad-diskussjoni (*NMI* 45).

Din hi l-esperjenza tal-Knisja waqt l-Assemblea tas-Sinodu. Dan huwa l-ispirtu ta' aħwa fi Kristu. Meta nagħtu din ix-xiehda, inkunu qed nagħtu l-akbar kontribut għall-ħajja tas-soċjeta' Maltija fi żmienna, li tant hi bil-għatx għal dan l-ispirtu.

**Qadi lil kulħadd**

L-għaqda u s-solidarjetà jmorru flimkien għax, kif jispjega l-Papa, meta nsaħħu l-komunjoni ġewwa l-Knisja, l-imħabba tagħna tissarraf f'qadi li jħaddan lil kulħadd (*NMI* 49). Hekk qed nagħmlu l-lum, u għal dan irid jgħinna wkoll is-Sinodu. Irridu nilmħu leħen Kristu fil-għajta għall-għajnuna li toħroġ minn fomm dawk kollha li qed ibatu; imma rridu nilmħuh ukoll fil-karba siekta ta' min qed ibati bla ħadd ma jinduna.

Kif jgħid il-Papa: 'Issa hu ż-żmien għal kreattività ġdida fil-ħidma tal-karità, mhux biss billi naraw li l-għajnuna li tingħata tkun effettiva, imma wkoll billi nersqu lejn il-proxxmu u nfissru s-solidarjetà tagħna ma' dawk li qegħdin ibatu. Hekk l-għajnuna ma titqiesx bħala ġest li jfisser ftit jew xejn, imma bħala parteċipazzjoni bejn l-aħwa. Jeħtieġ naraw li l-fqar, f'kull komunità, iħossuhom 'f'darhom'' (*NMI* 50).

Is-Sinodu jrid jgħin lill-Knisja f'Malta biex tiġġedded f'dan l-ispirtu. Fir-rabta ta' kull wieħed u waħda ma' Alla hemm l-għajn dejjem friska li minnha jwarrdu l-għaqda u s-solidarjetà. Hija din l-għajn li ġġedded il-Knisja fil-ħidma pastorali tagħha. Alla qed isejħilna biex meta nħarsu lura, nitgħallmu mill-imgħoddi, u nagħrfu nagħżlu t-tradizzjonijiet ta' valur mis-suriet qodma li spiċċaw. Qed isejħilna biex nagħrfu l-grazzja tal-mument ta' issa u ngħixuh b'fedelta' dejjem akbar. Qed isejħilna biex infasslu l-futur b'tama kbira fih - Alla li qiegħed magħna, li qatt mhu se jħallina waħedna għal riħna.

**Opportunitajiet biex inwasslu lil Kristu**

Il-ħajja kultant tnissel biża' jew qtigħ il-qalb. Alla jgħidilna biex ma naqtgħux qalbna; lanqas norbtu jdejna u nibqgħu passivi.

Nitolbuh biex nagħrfu nwieġbu għall-isfidi ta' żmienna u naraw fihom opportunitajiet biex inwasslu lil Kristu b'mod ħaj fl-ambjenti kollha tal-ħajja tagħna. Kristu hu d-dawl tad-dinja, 'dawl biex idawwal il-ġnus.'

Nitolbu lil Marija Omm il-Knisja biex, permezz tas-Sinodu, il-Knisja f'Malta tkun tista' twassal aħjar dan id-dawl jixgħel fil-qalba tas-soċjetà Maltija u tgħin biex jixxettlu u jissaħħu l-għaqda u s-solidarjetà.

Ċelebrazzjoni tal-Kandlora
KonKattidral ta' San Ġwann
4 ta' Frar 2002

# STQARRIJA
# ta' l-Isqfijiet Maltin dwar sehem Malta fil-Konvenzjoni Ewropea

Aħna l-Isqfijiet inħossu li kull min għandu rieda tajba feraħ bl-aħbar li l-Parlament Malti approva unanimament ir-riżoluzzjoni fuq il-Konvenzjoni dwar il-ġejjieni ta' l-Ewropa u bil-fatt li f'din il-Konvenzjoni se jieħdu sehem rappreżentanti taż-żewġ naħat tal-Kamra tad-Deputati.

Il-passi li l-Ewropa qed tagħmel lejn l-għaqda fi ħdanha, inissel sens ta' sodisfazzjon. Fl-istess ħin, hu importanti li jiġu ċċarati kemm l-għanijiet u l-mezzi tal-mixja għall-bini ta' din l-għaqda, kif ukoll il-valuri li jridu jiffurmaw ruħ l-Ewropa.

Aħna nemmnu li hija ħaġa tajba li, f'dan id-djalogu, ikun hemm ukoll leħen il-poplu tagħna permezz tar-rappreżentanti tiegħu.

Lil dawn ir-rappreżentanti nawgurawlhom xogħol fejjiedi.

Nawguraw ukoll li, fl-għażliet diffiċli li spiss ikunu jridu jagħmlu, il-politiċi kollha tagħna jagħrfu jaħdmu dejjem fi spirtu ta' komplimentarjetà.

Il-poplu tagħna jsirlu ħafna ġid kull meta l-politiċi tiegħu jirnexxilhom jagħrfu dak li hu ta' ġid komuni, u jaqblu dwaru. B'hekk huma jimpenjaw ruħhom biex isibu flimkien is-soluzzjonijiet li jġibu l-għaqda fi ħdan is-soċjetà tagħna u jgħollu l-isem tajjeb ta' pajjiżna quddiem id-dinja.

✠ **Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta**
✠ Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex
✠ Annetto Depasquale, Isqof Awżiljarju ta' Malta

5 ta' Frar 2002

**Sessjoni oħra ta' l-Assemblea tas-Sinodu**

# SE JIĠU DISKUSSI L-VIŻJONI TA' KNISJA, IŻ-ŻWIEĠ U L-FAMILJA, U X-XANDIR TAL-KELMA

---

It-Tielet Sessjoni ta' l-Assemblea tas-Sinodu ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta se tiltaqa' nhar il-Ħamis, il-Ġimgħa u s-Sibt, 7, 8 u 9 ta' Frar 2002, fil-Katekumenju, il-Mosta. F'din is-sessjoni, l-Assemblea se tiddiskuti l-viżjoni ta' Knisja bħala komunjoni fi ħdan poplu b'karizmi u ministeru diversi; iż-żwieġ u l-familja; u x-xandir tal-Kelma ta' Alla f'Malta.

L-Assemblea hija magħmula minn 268 persuna minn kull qasam tal-ħajja, li 143 minnhom huma lajċi: 60 nisa u 83 irġiel.

*It-tielet sessjoni se tkompli fejn ħalliet it-tieni sessjoni, li saret fi tmiem Novembru li għadda. Dakinhar, tmien* chairpersons *lajċi - ħames nisa, koppja miżżewġa, u żewġ irġiel - informaw lill-Assemblea dwar ix-xogħol li kien sar mill-grupp tagħhom, fit-tħejjija ta' tmien dokumenti li jridu jservu ta' gwida pastorali għall-ġejjieni. Fit-tieni sessjoni saret ukoll diskussjoni fuq l-abozz tad-dokument dwar il-lajċi.*

L-Assemblea ltaqgħet l-ewwel darba f'Ġunju 2001. Dakinhar twaqqfu tmien Gruppi ta' Ħidma biex iħejju abbozzi ta' dokumenti dwar it-tmien temi tas-Sinodu: Kultura - Soċjeta' - Knisja; Viżjoni ta' Knisja - komunjoni/poplu b'karizmi u ministeri diversi; Lajċi; Kelma/xandir; Liturġija/Sagramenti; Djakonija/Ġustizzja; Żwieġ u Familja; Żgħażagħ u Adolexxenti. Dawn l-abbozzi issa qed ikunu diskussi fl-Assemblea.

Il-laqgħat tal-Ħamis u tal-Ġimgħa li ġejjin se jkunu mis-6.00 p.m. sad-9.15 p.m. Dik tas-Sibt tkun mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m.

6 ta' Frar 2002

**Funeral ta' l-E.T. Agatha Barbara ex-President ta' Malta**

# OMELIJA
# ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca

---

Ninsabu miġburin fit-Tempju ta' Alla biex nagħtu l-aħħar tislima lil oħtna Agatha Barbara.

Mumenti bħal dawn huma dejjem tqal għalina l-bnedmin. Wiċċ imb'wiċċ mar-realtà tal-mewt, qalb il-bniedem tingħafas.

Meta nħarsu madwarna, m'aħniex naraw iktar lil Agatha mimlija ħeġġa biex taħdem għal dak li temmen fih u tħabrek biex tkun ta' għajnuna għall-proxxmu, mingħajr daqq ta' trombi. Minflok, qed naraw lil Agatha quddiemna, mejta.

Agatha tat servizz twil lill-komunità politika u lill-poplu tagħna kollu. Kienet fuq quddiem nett biex turi u tikkonferma lill-komunità tagħna li l-mara għandha ħafna x'toffri lis-soċjetà. Il-qofol tal-kontribut u l-impenn pubbliku tagħha kien il-ħidma li wettqet bħala President tar-Repubblika tagħna.

Jiena naħseb li kieku Agatha setgħet tkellimna waqt li aħna qed inroddulha ħajr u nagħtuha l-aħħar tislima, fl-esperjenza wiesgħa u twila tagħha Agatha kienet tgħidilna biex ma ngħejjew qatt nistinkaw għal dak li nemmnu fih, inkluż fil-kamp politiku, imma ma ninsew qatt li aħna lkoll aħwa Maltin u li aħna lkoll għandna bżonn xulxin.

Il-mewt bioloġika tkessaħna u tnikkitna. Madankollu, id-dehra ta' Agatha, imqegħda waħidha u siekta fit-tebut, għad-dell ta' Ġesù Kurċifiss, tnissel fina ferħ spiritwali għax nafu li hija għaddiet għal ħajja ġdida. Aħna nafu u nemmnu li Ġesù, permezz tal-mewt u l-Qawmien tiegħu, qed jagħtina l-isbaħ u l-aqwa aħbar li jista' jkollu l-bniedem. Ġesù Msallab qed itennilna l-aħbar li Alla, Missieru u Missierna, huwa għani fil-ħniena. Huwa għalhekk jaħfer in-nuqqasijiet tagħna u jagħtina ħajja ġdida, li ma tmut qatt.

Agatha issa għaddiet għal din il-ħajja ġdida fi ħdan il-Ħallieq. Hija ġiet mingħand Alla u qed tirritorna fi ħdan Alla biex ma tmut qatt.

Il-preżenza tagħna hawnhekk, madwarha, hija xiehda li aħna għandna fidi f'Alla u fidi f'ħajja li ma tintemmx f'għaqda ma' Ġesù, li fdiena mill-

jasar tad-dnub u kiseb għal kull bniedem ir-rebħa fuq il-mewt.

Nemmnu li, kieku Agatha setgħet tkellimna, kienet tfakkarna kemm niksbu paċi ġewwiena sinċiera meta aħna ninżlu għarkubbtejna quddiem Alla biex nagħrfu li kollox ġej minnu.

Din hija l-umiltà ta' min hu kbir.

Kull min juri, bil-ħajja tiegħu, li Alla jiġi qabel kollox u qabel kulħadd, ikun qed jinvesti f'rabta dejjem ikbar u aħjar ma' Alla u ma' ħutu.

Din ir-rabta tagħna ma' Alla tgħinna wkoll biex, tkun xi tkun ir-responsabbiltà li jkollna f'din id-dinja, aħna nagħrfu naħdmu dejjem biex ngħinu l-bniedem jgħożż u jikber fid-dinjità tiegħu u biex jintrefa' lejn Alla u jasal għandu.

Alla ħalaqna għalih. Jafna b'isimna. Iħobbna bla qies u jħobbna kif aħna. Ukoll jekk aħna, fid-dgħufija umana tagħna, ġieli nitbegħdu minnu, Alla jibqa' jħobbna. Jibqa' jiġri warajna biex iħaddanna miegħu.

Agatha m'għadhiex magħna. Hija marret fi ħdan Alla.

Nistedinkom biex flimkien nitolbu lill-Mulej jilqagħha fl-hena eterna tiegħu u jagħti l-faraġ tiegħu lill-qraba u lill-ħbieb kollha tagħha.

Mulej agħtiha l-mistrieħ ta' dejjem.

Id-dawl ta' dejjem jiddi lilha.

Tistrieħ fis-sliem.

Amen.

KonKattidral ta' San Ġwann

6 ta' Frar 2002

# KONKLUŻA L-EWWEL PARTI TAL-ĦIDMA TAL-KUMMISSJONI TA' ESPERTI DWAR IL-KAŻ TAL-MADONNA TA' L-GĦAR

Il-Kummissjoni ta' sitt espertii barranin u Maltin li qed tinvestiga u tiddiskuti l-każ tax-xbiha tal-Beata Verġni Marija, magħrufa bħala *Il-Madonna ta' l-Għar,* lestiet l-ewwel parti tal-ħidma tagħha. Fil-ġimgħat li ġejjin il-Kummissjoni se tkompli tistudja iżjed fil-fond ix-xiehda u r-rapporti li għandha f'idejha s'issa, bil-ħsieb li terġa' tiltaqa' f'Malta fi żmien ftit xhur oħra.

Matul it-tlett ijiem li għaddew, il-Kummissjoni, immexxija minn Padre Urbano Navarrete SJ, kellha diversi laqgħat fis-Seminarju ta' l-Arċisqof, Tal-Virtù.

Il-Kummissjoni marret tara wkoll ix-xbiha tal-Madonna li fuqha fis-6 u s-7 ta' Mejju 1999 kien feġġ dmugħ ta' lewn ħamrani. Ix-xbiha tinsab fil-Knisja tal-Patrijiet Dumnikani, ir-Rabat.

Il-Kummissjoni semgħet ukoll xi xhieda u tkellmet ma' esperti.

Il-Kummissjoni nħatret minn Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca bl-inkarigu li wara li tinvestiga u tiddiskuti l-każ, tagħtih il-parir tagħha.

Flimkien ma' Padre Urbano Navarrete SJ, espert ta' fama mondjali fil-Liġi tal-Knisja u Konsultur ta' diversi Kongregazzjonijiet fil-Vatikan, li hu President tal-Kummissjoni, fil-Kummissjoni hemm il-membri li ġejjin:

- Padre Bonifacio Honings OCD, Konsultur tal-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin;
- Don Antonio Miralles, Fisiku u Professur tat-Teologija fl-*Universita della Santa Croce*, Ruma;
- Mons. Carmelo Cassar, Professur Emeritu fit-Teoloġija Dommatika fl-Universita' ta' Malta;
- Dun Pawl Galea, Psikologu u għalliem fl-Universita' ta' Malta;
- Patri Charles Tabone O.P., Soċjologu u għalliem fl-Universita' ta' Malta.

14 ta' Frar 2002

# L-GĦAQDIET U L-MOVIMENTI KATTOLIĊI TAL-LAJĊI JIFFOKAW FUQ IL-KARIŻMI

Il-Knisja f'Malta se tiċċelebra Jum l-Għaqdiet u l-Movimenti Kattoliċi tal-Lajċi nhar il-Ħadd, 24 ta' Frar 2002, bil-motto, *Ejjew Inwarrdu f'Rebbiegħa Qaddisa ta' Kariżmi.* Il-motto għandu rabta ma' kwotazzjoni tal-Papa Ġwanni Pawlu II li qal li l-għaqdiet u l-movimenti "huma fost il-frott l-aktar bnin ta' Rebbiegħa tal-Knisja."

L-attivitajiet se jiftħu b'Seminar għad-Diriġenti ta' l-għaqdiet u l-movimenti, li se jsir nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Frar, fis-6.00 p.m., għand is-Sorijiet tal-Qalb ta' Ġesù, Kunvent Kristu Re, Fleur de Lys, Birkirkara. Patri Arthur Vella S.J. se jitkellem dwar x'inhi l-ispiritwalità. Wara, diriġenti minn kull għaqda u moviment jitkellmu dwar il-mixja spiritwali ta' l-għaqdiet u l-movimenti. Il-konklużjoni ssir minn Mons. Isqof Annetto Depasquale.

Nhar is-Sibt, 23 ta' Frar, bejn id-9.30 a.m. u nofsinhar, f'Misraħ l-Assedju l-Kbir (quddiem il-bini tal-Qorti) il-belt Valletta, se ssir attività organizzata minn diversi żgħażagħ ta' l-għaqdiet u l-movimenti. L-attività tinkludi daqq, kant, qsim ta' esperjenzi u kuntatt personali ma' nies li jkunu għaddejjin minn Triq ir-Repubblika.

Il-Ħadd, 24 ta' Frar, fil-11.00 a.m., il-fergħat ta' l-għaqdiet u l-movimenti jorganizzaw attivitajiet fil-parroċċi.

L-iskop prinċipali ta' Jum l-Għaqdiet u l-Movimenti huwa biex tikber l-għaqda fost l-għaqdiet u l-movimenti, kif ukoll biex huma jkunu jistgħu jifhmu aħjar l-għanijiet ta' xulxin.

18 ta' Frar 2002

# DIRETTORJU ĠDID TAL-KNISJA F'MALTA

Id-Direttorju tal-Knisja f'Malta għas-Sena 2002 fih 462 paġna ta' tagħrif aġġornat, bil-Malti u bl-Ingliż, dwar l-istrutturi u l-oqsma kollha ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta.

Id-Direttorju Ekkleżjastiku jinkludi tagħrif dettaljat dwar il-Kurja ta' Malta, is-Segretarjati u l-Kummissjonijiet tal-Knisja, il-parroċċi, l-Ordnijiet Reliġjużi, istituzzjonijiet, għaqdiet u movimenti, Djar ta' l-Anzjani u Skejjel tal-Knisja.

It-taqsima dwar il-parroċċi fiha tagħrif dwar l-għadd ta' parruċċani u ta' familji; Quddies matul il-ġimgħa, fil-Ħdud u l-Festi; purċissjonijiet; lista ta' l-għaqdiet u movimenti reliġjuzi rappreżentati fil-parroċċa; u n-numru ta' Magħmudijiet, l-Ewwel Tqarbina, Griżmi ta' l-Isqof, Żwiġijiet u Funerali fis-sena ta' qabel f'kull parroċċa.

Id-Direttorju jInkludi wkoll l-ismijiet tal-qassisin kollha ta' Malta, flimkien ma' l-indirizz tar-residenza, in-numru tal-Kodiċi Postali, in-numru tat-telefon u indirizzi ta' l-email.

Tagħrif ieħor huwa dwar saċerdoti, reliġjużi u lajċi, Maltin li qed jagħtu servizz lill-Knisja f'pajjiżi oħrajn.

Id-direttorju l-ġdid jinkludi xi tibdil biex ikun jista' jintuża b'faċilità u utilità akbar.

Id-Direttorju Ekklesjastiku 2002 ġie editjat minn Dun Joe Magro u stampat fil-Media Centre Print. Huwa qed jinbigħ LM5.00 mill-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana; mill-Ħanut tal-Kotba tal-Media Centre, Ħamrun; u mill-Istitut Kattoliku, Floriana..

# ĠUBLEW TAD-DEHEB SAĊERDOTALI TA' MONS. ARĊISQOF ĠUŻEPPI MERCIECA

Il-Knisja f'Malta se tiċċelebra l-Ħamsin Anniversarju ta' l-ordinazzjoni saċerdotali ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca b'Quddiesa Konċelebrata ta' Radd il-Ħajr li Mons. Mercieca se jmexxi fil-KonKattidral ta' San Ġwann nhar il-Ħadd, 10 ta' Marzu 2002, fl-5.30 p.m.

Mons. Mercieca ġie ordnat saċerdot minn Mons. Isqof Ġużeppi Pace fit-8 ta' Marzu 1952, f'Għawdex.

Mons. Mercieca twieled Victoria, Għawdex, fil-11 ta' Novembru 1928. Huwa studja fis-Seminarju ta' Għawdex, fl-Università Gregorjana u fl-Università tal-Lateran.

Mill-1959 sa l-1969 Mons. Mercieca kien Rettur tas-Seminarju ta' Għawdex. Fl-1969 inħatar Imħallef tas-Sacra Romana Rota. Kien ukoll Konsultur tal-Kongregazzjoni tas-Sagramenti u tal-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi.

Mons. Mercieca nħatar Isqof Awżiljarju ta' Malta fis-27 ta' Lulju 1974. Fid-29 ta' Settembru ta' l-istess sena ġie kkonsagrat Isqof Titulari ta' Gemelle, fin-Numidia. Fit-12 ta' Diċembru 1976 Mons. Mercieca sar Arċisqof ta' Malta.

Fil-11 ta' Ġunju 1991 huwa ġie nominat membru tat-Tribunal Suprem tas-Senjatura Apostolika.

22 ta' Frar 2002

# ARĊIPRIET ĠDID FIL-PARROĊĊA TAL-BIRGU

Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca nnomina lil Dun Joe Caruana bħala Arċipriet tal-Parroċċa tal-Birgu.

Dun Joe Caruana twieled il-Mellieħa fit-2 ta' Awissu 1960. Huwa ġie ordnat saċerdot fil-11 ta' Lulju 1986. L-ewwel ħidma tiegħu saċerdotali kienet bħala Viċi-Parroku fil-Parroċċa tal-Mellieħa. Fi Frar 1989 sar Religious Counsellor.

F'Ottubru 1989 Dun Joe Caruana sar Kappillan tal-Parroċċa tal-Manikata. F'Ottubru 1993 sar Kappillan tal-Parroċċa ta' Ħal Għaxaq.

Fis-sena 2000 Dun Joe beda perijodu sabbatiku: żmien ta' riflessjoni u studju.

Minn Ottubru 2001 kien qed jgħin fil-Parroċċa tal-Mellieħa.

22 ta' Frar 2002

# KJARIFIKA DWAR DAK LI QAL L-ARĊISQOF FUQ IL-WIRT NATURALI U AMBJENTALI

B'riferenza għal dak li qed jingħad f'ċerti taqsimiet tal-media dwar dak li Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca qal f'intervista li saritlu fuq l-RTK nhar l-Erbgħa, 20 ta' Frar 2002, għandu jiġi ċċarat dan li ġej:

Waqt li kien qed jitkellem fuq ir-rispett lejn il-wirt naturali u ambjentali, Mons. Arċisqof qal hekk:

"U hawnhekk jidħlu l-valuri. Għaliex? X'qed jiġri? Jew x'jista' jiġri — u wkoll ġara f'ħafna postijiet? Minħabba l-flus, li huma tajbin, il-valuri tal-wirt ambjentali jitwarrbu għall-ġemb: għall-flus. Insib, nara kif xi ħadd jgħinni biex nibni, intella' koċċ bini fejn hu proprju mhux suppost ittella' l-bini f'zona li mhux suppost, imma għall-flus. Flus li jinbidlu, imbagħad. Jiġru minn id għal oħra. Min irid jifhimni jaf x'jiena ngħid. Minn id għall-oħra. Għalfejn? Iwarrbu kull rispett lejn in-natura. Għaliex? Għax jagħmlu l-flus l-idolu tagħhom. U dan huwa kontra l-valur ukoll li jagħmel għall-bniedem, għax in-natura qegħda għall-bniedem, biex il-bniedem jirrikrea ruħu, jitgħaxxaq bin-natura. U ħadd m'għandu dritt jikkalpestaha jew ipartatha mal-flus."

Mons. Arċisqof tkellem kif tkellem, b'responsabbiltà sħiħa, għax irid jinkuraġġixxi l-miżuri kollha possibbli, bl-għajnuna ta' dak li tgħallimna l-esperjenza, kien x'kien iż-żmien, biex il-valuri tal-wirt ambjentali ma jispiċċawx fgati mis-saħħa tal-flus.

Jekk Mons. Arċisqof jidhirlu li hu l-każ li jgħid xi ħaġa oħra fuq is-suġġett, dan jagħmlu meta hu jħoss li jkun opportun.

Fil-frattemp, Mons. Arċisqof jiddispjaċih dwar il-mod kif il-media politika ġieli tittratta dak li jingħad u li jsir.

22 ta' Frar 2002

# IR-RABA' BIJENNALI TA' L-ARTI NISRANIJA KONTEMPORANJA F'MALTA

Id-direzzjoni tal-Mużew tal-Kattidral, l-Imdina, se torganizza r-Raba' Wirja Bijennali ta' l-Arti Nisranija f'Malta f'Novembru li ġej.

Artisti lokali li jixtiequ jieħdu sehem huma mistiedna jiktbu lill-organizzaturi sat-8 ta' Marzu 2002. L-ittri għandhom jiġu indirizzati lill-Mużew tal-Katidral, Pjazza ta' l-Arċisqof, Mdina RBT 12.

L-artisti se jkunu mistiedna jattendu waħda minn żewġ laqgħat li se jsiru għalihom nhar il-Ġimgħa 15 ta' Marzu wara nofsinhar, u nhar is-Sibt 16 ta' Marzu filgħodu, fil-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana.

25 ta' Frar 2002

# ID-DISKORSI TA' L-ARĊISQOF FIS-SENA 2001 MIĠBURA FI KTIEB

Id-diskorsi prinċipali li Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca għamel fis-sena 2001 inġabru fi ktieb ieħor fis-sensiela MINN FOMM IR-RAGĦAJ.

Is-suġġetti li tratta Mons. Arċisqof fis-sena 2001 jinkludu ż-żwieġ u l-familja, il-Mass Media u l-Knisja, il-parroċċa u l-familja, l-emigranti u l-valuri Maltin, iż-Żjara tal-Papa u l-Beatifikazzjoni ta' l-ewwel tliet Maltin, il-globalizazzjoni, ir-rwol tal-pulizija, ir-relazzjonijiet fil-qasam politiku u industrijali, is-Sinodu Djocesan, il-valur tal-volontarjat, id-dmirijiet fix-xogħol u l-professjoni, l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, it-terroriżmu, u l-ambjent.

Il-ktieb jinkludi Indiċi Analitiku b'lista ta' 42 suġġett li Mons. Arċisqof tkellem dwarhom fis-sena 2001.

Il-ħsieb ta' l-Indiċi hu li jgħin lill-qarrej isib malajr it-tagħlim ta' l-Arċisqof fuq is-suġġett li dwaru jkun qed ifittex. Il-pubblikazzjoni tinkludi wkoll 16-il ritratt kollha b'rabta maż-żjara tal-Papa f'Malta f'Mejju 2001. Il-ktieb jista' jinkiseb bil-posta, mill-Uffiċċju tal-P.R.O., Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana VLT 16, bi ħlas ta' LM1.00.

4 ta' Marzu 2002

# ITTRA
# ta' l-Arċisqof lis-Saċerdoti

Fl-okkażjoni tal-Ħamsin Anniversarju ta' l-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu, li jaħbat il-lum, 8 ta' Marzu 2002, Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca kiteb Ittra lis-Saċerdoti bit-tema "Ragħaj u Qaddej".

Mons. Arċisqof se jippreżenta din l-Ittra f'Quddiesa ta' Radd il-Ħajr li se jiċċelebra fil-KonKattidral ta' San Ġwann, Valletta, nhar il-Ħadd, 10 ta' Marzu, 2002, fil-5.30 p.m.

L-Ittra qed tiġi stampata biex titqassam lis-saċerdoti kollha. L-ewwel kopji ta' l-Ittra se jingħataw lis-saċerdotii li nhar il-Ħadd se jingħaqdu ma' l-Arċisqof fil-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr.

Mons. Mercieca ġie ordnat saċerdot minn Mons, Isqof Ġużeppi Pace fit-8 ta' Marzu 1952, f'Għawdex.

8 ta' Marzu 2002

# KAPPILLAN ĠDID F'ĦAD-DINGLI

Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca nnomina lil Dun Reuben Deguara bħala Kappillan tal-Parroċċa ta' Ħad-Dingli.

Dun Reuben Deguara twieled il-Mosta fil-21 ta' Lulju 1971 u [ie ordnat saċerdot fid-29 ta' Ġunju 1997.

Wara li sar saċerdot, huwa beda jagħti servizz pastorali bħala Viċi Parroku fil-Parroċċa ta' San Ġużepp Ħaddiem, f'Birkirkara.

Mis-sena 1998 beda jagħti servizz bħala *Religious Counsellor.*

Dun Reuben huwa wkoll Segretarju tal-Kunsill Presbiterali u Segretarju tal-Kummissjoni Animazzjoni Spiritwali tal-Kleru.

9 ta' Marzu 2002

# AWGURI TAL-PAPA LILL-ARĊISQOF FL-OKKAŻJONI TAL-50 ANNIVERSARJU TA' L-ORDINAZZJONI SAĊERDOTALI TIEGĦU

Il-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II bagħat ittra ta' awguri lil Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca, fl-okkażjoni tal-50 Anniversarju ta' l-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu.

Lill-Għażiż Ħuna, Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta

F'dawn l-aħħar ħamsin sena l-Knisja f'Malta kellha dejjem ix-xorti li tgawdi mill-ħeġġa u l-għaqal tiegħek. Għalhekk l-istess komunità sejra tingħaqad miegħek biex bil-qalb tfakkar il-ġublew tad-deheb tas-saċerdozju tiegħek li jaħbat nhar it-tmienja ta' Marzu li ġej.

B'din l-ittra fraterna nixtieq inkun qrib tiegħek fiċ-ċelebrazzjoni sabiħa tal-ministeru twil tiegħek. Nixtieq ukoll ningħaqad ma' dawk kollha li jifirħulek, ma' dawk li setgħu jaraw l-apostolat varjat tiegħek u jgawdu mill-frott tiegħu għall-ġid spiritwali tagħhom, l-ewwel fis-seminarju tad-djoċesi ta' Għawdex, imbgħad bħala Isqof Awżiljarju u dan l-aħħar, għal aktar minn ħamsa u għoxrin sena, bħala Arċisqof ta' Malta.

Jiena napprezza ħafna l-fedeltà tiegħek lejn l-Isqof ta' Ruma u lejn is-Sede Apostolika, kif ukoll l-ħidma tiegħek u s-setgħa li ħaddimt f'isem Kristu għall-ġid tal-fidili fdati f'idejk.

Nitolbok u nixtieq ħafna li ċ-ċelebrazzjoni ta' l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħek tkun okkażjoni biex il-bnedmin jagħtuk it-tifħir li jixraqlek, iżda qabel xejn biex ir-Ragħaj Divin, li qatt ma jabbanduna lil dawk li b'fedeltà jgħassu u jieħdu ħsieb l-għalqa tiegħu, jagħtik il-faraġ tiegħu. Jalla dan iż-żmien ikun, b'mod speċjali, għalik okkażjoni qawwija biex trodd ħajr lil Alla għall-frott tal-ministeru tiegħek. Jalla fl-istess ħin isaħħaħlek qalbek fil-ħidma tiegħek ta' isqof u saċerdot.

Fl-aħħarnett, il-Barka Apostolika li qed nibgħatlek ma' din l-Ittra tkun għalik prova ta' l-istima tiegħi lejk, u twassal l-għotjiet tas-sema lill-għażiż poplu kollu ta' Alla f'Malta, hu u jiċċelebra b'mod xieraq dawn is-snin kollha ta' ħidma qaddisa tar-Ragħaj tiegħu.

JOANNES PAULUS II
10 ta' Marzu 2002

# KJARIFIKA DWAR KUMMENTI FUQ LAQGĦA TA' L-ARĊISQOF MAL-BORD TA' L-IPPJANAR U L-AMBJENT

Fid-dawl ta' ċerti kummenti li qed isiru dwar il-laqgħa li Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca kellu dalgħodu, 13 ta' Marzu 2002, mal-Bord ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar u Ambjent, għandu jiġi kjarifikat dan li ġej:

1. Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca għamilha ċara mill-bidu tal-laqgħa li hu mhux investigatur — li jfisser li ħadd m'għandu jistenna li hu jsemmi każi partikolari;

2. li għalkemm ma semmiex każi speċifiċi jew persuni, Mons. Arċisqof qal ripetutament, b'insistenza, li kulħadd għandu għajnejh f'wiċċu; u

3. li Mons. Arċisqof saħaq li meta huwa tkellem fuq ir-Radju RTK (20 ta' Frar 2002) huwa għamel dan b'responsabbiltà u ma kienx qed jitkellem fl-ajru.

13 ta' Marzu 2002

**Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fl-10 Anniversarju tar-Radju RTK**

# MESSAĠĠ
# ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca

---

**Il-missjoni tax-xandar Nisrani**

Il-lum iltqajna biex inroddu ħajr 'l Alla fl-okkażjoni ta' l-10 anniversarju ta' l-istazzjon tar-Radju RTK.

Kien l-ewwelnett il-Mulej li nebbaħna u għinna biex dan l-istazzjon seta' jitwieled u jkompli miexi 'l quddiem. Dawk kollha li, b'impenn u dedikazzjoni sħiħa stinkaw biex dan l-istazzjon jitwaqqaf u jissaħħaħ huma xhieda ta' din l-għajnuna tal-Mulej. Fost dawn ta' min jagħraf il-ħidma li wettaq b'zelu u kompetenza Dun Joe Borg. Ta' dan jiena ngħidlu "grazzi ħafna".

Inħoss li għandna nroddu ħajr lill-Mulej ukoll għall-ġid kollu li sar u qed isir permezz ta' dan l-istazzjon; nitolbuh ukoll maħfra għan-nuqqasijiet kollha li stajna wettaqna, kaġun tad-dgħufija umana, fl-għoti ta' dan is-servizz.

Qegħdin hawn ukoll biex nitolbu lis-Sid ta' Kollox ikompli jagħti l-għajnuna tiegħu lil dawk li jmexxu u jaħdmu f'dan l-istazzjon tar-radju fi ħdan il-Knisja f'Malta, biex huma jaqdu dejjem il-missjoni u d-doveri tagħhom b'mod li jagħti glorja lil Alla u li jikkontribwixxi għall-ġid sħiħ tal-poplu Malti kollu.

Ma' dan ir-radd il-ħajr u din it-talba lill-Mulej, jiena nixtieq nirringrazzja u nuri l-apprezzament tiegħi lil dawk kollha li, b'ħila u dedikazzjoni, qed jaħdmu biex l-RTK ikompli jkun ta' għajnuna lill-komunità tagħna.

**Il-ġid komuni**

Naqblu lkoll li qed ngħixu fi żmien u f'dinja fejn il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali, l-iżjed ir-radju, it-televiżjoni u l-Internet qed jirnexxilhom iwasslu l-informazzjoni dwar il-ġrajjiet umani b'mod immedjat.

Barra minn hekk, dawn il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali għandhom

potenzjal kbir biex, skond it-tip ta' tagħrif u programmi li joffru, jinfluwenzaw b'mod fin u dejjem iżjed qawwi l-ħajja u l-imġiba soċjali u morali tan-nies.

Fis-servizz li qed joffru dawn il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali fid-dinja dejjem iżjed "globalizzata" ta' żmienna — biex nużaw terminu li qed isir dejjem iżjed poplari — hemm ħafna li hu pożittiv u tajjeb.

Naraw li l-bnedmin qed "jiltaqgħu" aktar u aħjar; il-kulturi jistgħu jiddjalogaw iżjed bejniethom; il-ġrajjiet drammatiċi ta' l-umanità qed ikunu magħrufin iktar malajr u hekk l-interventi meħtieġu jseħħu aħjar u b'ħeffa akbar; u dak li jferraħ il-bnedmin jista' jixtered aktar fosthom u jiġi gawdut minn numru kbir ta' nies.

Hemm ukoll l-impatt edukattiv li jħallu programmi mħejjija tajjeb u b'responsabbiltà. Dan iseħħ fejn tingħata attenzjoni xierqa lill-valuri li jibnu l-bniedem waqt li, fl-istess ħin, ikunu jwieġbu tajjeb għal dak li jkunu jistennew in-nies.

Min jaħdem f'dawn il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali, għalhekk, ikun qiesu qed jaħdem f'fabbrika ta' kliem u xbihat li jibdlu lil dak li jkun f'aġent ewlieni tar-responsabbiltà li għandu kull wieħed u waħda minna li nibnu soċjetà denja tal-bniedem.

Dan juri kemm hija importanti l-professjoni tal-komunikaturi. Juri wkoll ir-responsabbiltà kbira li dawn għandhom li jaħdmu dejjem għall-ġid komuni u li ma jkun qatt li jibdlu l-ogħla ġid u d-dinjità tal-bniedem mal-popolarità, daqs ta' udjenzi, interessi ekonomiċi, jew pressjonijiet illeġittimi ta' natura politika jew xort'oħra.

Iktar mis-suċċess fil-karriera jew finanzi, iktar mill-gwadann għall-aspirazzjonijiet jew tendenzi politiċi tiegħu, il-ġurnalist u x-xandar għandu jħobb il-pubbliku tiegħu. Huwa biss jekk il-ġurnalist jew ix-xandar iħobb, li huwa jkun jista' jirrispetta tassew lill-bniedem u ma jaqax fid-dnub li jittrattah bħalikieku kien oġġett, jew jipprova jbellagħlu kull ma jiġi għal idejh skond l-aġenda forsi moħbija tiegħu.

## Ir-responsabbiltà tan-nisrani

L-insara kollha li jaħdmu fil-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali għandhom, imbagħad, responsabbiltà akbar.

Dan għaliex huma għandhom ukoll id-dmir li, b'dak li jagħmlu u l-mod kif jagħmluh, bix-xiehda tagħhom, ikunu protagonisti ġenwini u effettivi fil-mekkaniżmi kumplessi li jifformaw il-kuxjenza ċivili u soċjali.

Għall-ġurnalist u x-xandar Nisrani, it-tħabrik għall-ġid komuni, id-dinjità tal-bniedem u l-għaqda fost il-bnedmin irid ikun sod u ħieles minn kull tbajja' jew sulluzzu.

Din hija missjoni ta' sfida. Hija missjoni li titlob kuraġġ; xi drabi kuraġġ kbir. Kultant ikun meħtieġ li dak li jkun imur kontra l-kurrent. Jista' jiġri wkoll li dak li jkun jgħaddi minn żmien fejn iħossu waħdu, mhux mifhum u skartat.

Wiċċ imb'wiċċ ma' kultura li hija iżjed attenta għas-sensazzjonijiet u s-senzjonaliżmi milli għall-verità u l-valuri, l-Insara huma msejħa biex ikunu ministri tal-Kelma ta' Alla, li hija dejjem friska u li ma teqdiem qatt. Huma jridu jikkontribwixxu għal kultura sana u soda tal-ħajja, tal-verità, tas-solidarjeta', tal-familja u tad-drittijiet tal-bniedem.

Hija din it-triq li rridu nsegwu jekk irridu nkunu verament bennejja taċ-ċiviltà ta' l-imħabba.

**Stedina, appell u awgurju**

F'din l-okkażjoni, jiena nixtieq nistieden, inħeġġeġ u ninkuraġġixxi lill-komunikaturi kollha tal-gżejjer tagħna biex ir-relazzjoni tagħhom mal-poplu kollu tkun dejjem korretta u ta' rispett.

Nixtieq nistedinhom ukoll biex ikunu difensuri u bennejja ta' dawk il-valuri umani, morali u spiritwali li huma indispensabbli għall-formazzjoni sħiħa tal-bniedem u li huma wkoll parti mill-wirt tal-valuri Nsara tal-poplu Malti.

Jalla Kristu, il-Komunikatur perfett, ikun il-mudell tal-ħajja personali u professjonali ta' kull ġurnalist u xandar Nisrani Malti.

Jalla l-missjoni u l-mira tagħhom ilkoll ikunu l-ħarsien tal-bniedem, hu min hu, speċjalment il-bniedem magħkus u l-bniedem vulnerabbli quddiem il-maniġġi u d-deni tal-manipulazzjoni u l-istrumentalizazzjoni, li huma dejjem ħżiena u ta' min jistmerrahom.

B'mod partikolari lilkom - diriġenti u ħaddiema tar-Radju RTK, kif ukoll kull min jaħdem f'xi mezz ta' komunikazzjoni li jopera fi ħdan il-Knisja - inħeġġiġkom biex ma tehdew qatt tkun difensuri qalbiena tal-bniedem sħiħ u tat-tagħlim ta' l-Evanġelju, kif imfisser lilna mill-Knisja li nagħmlu parti minnha.

Ir-realtà f'pajjiżna, anke minħabba l-ħsara tal-politiċizazzjoni u l-polarizazzjoni, turi li quddiemkom hemm ġejjieni ta' responsabbiltà dejjem akbar.

Taqtgħux qalbkom quddiem l-isfidi u d-diffikultajiet li ssibu ma' wiċċkom. Fil-qasam tal-Mass Media, bħal f'tant oqsma oħra, dejjem jista' jkun hemm xi pressjonijiet ta' xi forma jew oħra. Tibżgħux jekk ikollkom xi pressjonijiet minn min forsi jkun jixtieq jiġbidkom lejn l-aġenda partiġġjana tiegħu. Tħallux lil min jużakom. Ibqgħu mexjin sod fil-missjoni tagħkom, ukoll jekk il-pubbliku jkun jidher li qed jippremja prodotti jew produzzjonijiet li ma jkunux jixirqu d-dinjità tal-bniedem jew ikunu nieqsa mir-rispett lejn il-ġid komuni. Iċċedux fl-impenn nisrani tagħkom, lanqas jekk ikun hemm min jittollera jew jaċċetta ċerti sitwazzjonijiet u mġibiet li jistgħu jkunu ta' ħsara għas-sinsla morali tas-soċjetà.

Jista' jkun li l-għażliet tagħkom ma jġibulkomx frott bikri. Iżda intom m'għandkomx taqtgħu qalbkom. Għandkom timxu dejjem dritt. Il-Mulej Ġesù, li qatt ma ħalla lilu nnifsu jinġarr mill-kurrent, jgħinkom żgur.

KonKattidral ta' San Ġwann
14 ta' Marzu 2002

**Sessjoni oħra ta' l-Assemblea tas-Sinodu**

# SE JIĠU DISKUSSI D-DJAKONIJA, ĠUSTIZZJA, LITURĠIJA U SAGRAMENTI

Ir-Raba' Sessjoni ta' l-Assemblea tas-Sinodu ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta se tibda tiltaqa' nhar is-Sibt, 16 ta' Marzu 2002, fil-Katekumenju, il-Mosta, meta l-Assemblea se tiddiskuti d-djakonija u l-ġustizzja.

Ir-Raba' Sessjoni tkompli nhar is-Sibt, 23 tax-xahar, meta se jiġu diskussi l-liturġija u s-sagramenti.

L-Assemblea hija magħmula minn 268 persuna minn kull qasam tal-ħajja, li 143 minnhom huma lajċi: 60 nisa u 83 irġiel.

L-Assemblea ltaqgħet l-ewwel darba f'Ġunju 2001. Dakinhar twaqqfu tmien Gruppi ta' Ħidma biex iħejju abbozzi ta' dokumenti dwar it-tmien temi tas-Sinodu: Kultura - Soċjeta' - Knisja; Viżjoni ta' Knisja - komunjoni/poplu b'kariżmi u ministeri diversi; Lajċi; Kelma/xandir; Liturġija/Sagramenti; Djakonija/Ġustizzja; Żwieġ u Familja; Żgħażagħ u Adolexxenti.

Dawn l-abbozzi issa qed ikunu diskussi fl-Assemblea, wieħed wara l-ieħor.

Il-laqgħat tas-16 u t-23 ta' Marzu se jkunu mid-9.00 a.m. san-12.30 p.m.

# SAĊERDOTI U RELIĠJUŻI LI L-MULEJ SEJJAĦ GĦAL GĦANDU

**Fr Arthur Barbara**

Twieled Ħaż-Żabbar fit-18 ta' Ġunju 1938. Sar saċerdot fis-7 ta' April 1962. Beda jaħdem fil-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar fejn kien Assistent Ekklesjastiku taċ-Ċirkolu ta' l-Irġiel ta' l-Azzjoni Kattolika u Chaplain taż-Ż.Ħ.N. Xebbiet u Ġuvintur. Kien ukoll Direttur tal-Moviment Żgħażagħ Żabbarin u tal-Piccolo Clero ta' l-istess parroċċa. Fl-1979 beda jagħti l-ħidma tiegħu fl-uffiċċju ċentrali tad-djoċesi għall-istituti tat-tfal fejn sar ukoll Assistent Direttur. Fl-1984 ġie maħtur Direttur ta' dan l-uffiċċju fejn baqa' sal-1990 meta temm din il-ħidma tiegħu minħabba saħħtu. Miet fis-7 ta' Jannar 2002.

**Kan Ġużepp Attard**

Twieled fir-Raħal Ġdid fis-26 ta' Frar 1937. Meta sar saċerdot fis-7 ta' April 1962 ingħata l-mandat ta' viċi-parroku fil-parroċċa ta' l-Isla fejn kien ukoll direttur ta' 3 presidia tal-Legion of Mary kif ukoll tal-Piccolo Clero. Fl-1966 beda jaħdem fl-uffiċċju tar-Reviżjoni, il-Kurja. Ġie maħtur Kanonku tal-Kolleġġjata ta' Marija Bambina, Senglea, f'Jannar tal-1967 fejn kien għal xi żmien Prokuratur tal-beni tal-Knisja u ngħata d-dinjità ta' Prepostu ta' l-istess kolleġġjata fl-24 ta' Awissu 1994. Miet fil-15 ta' Diċembru 2001.

**Dun Alfred Zahra**

Twieled f'Tas-Sliema fis-7 ta' Jannar 1921 u sar saċerdot fit-8 ta' April ta' l-1950. Kien joqgħod Ħaż-Żebbuġ u fil-gwerra mar refuġjat il-Ħamrun. Għamel ħidma pastorali sa ftit żmien qabel ma miet fil-parroċċa ta' San Sebastjan, Ħal Qormi. Kien ukoll għalliem fl-iskejjel tal-Gvern. Għal xi snin, kien membru tal-kumitat tas-Soċjetà tal-Kleru "Christus Rex". Miet fit-13 ta' Frar 2002.

**Kan Ġwann Sant**

Twieled f'Ħal Tarxien fis-17 ta' Frar 1931. Sar saċerdot fl-14 ta' Marzu 1959. Kien għalliem tar-reliġjon fl-iskola ta' l-"Immaculate

Conception", Tarxien, u wara mar jgħallem fil-kulleġġ ta' St Edward's College fejn fl-1992 inħatar Senior Master. Ħadem ħafna fil-parroċċa ta' Ħal Tarxien speċjalment fost iż-żgħażagħ bħala Assistent Ekklesjastiku ta' l-Azzjoni Kattolika. Kien ukoll membru ta' diversi kumitati fil-parroċċa. Fit-2 ta' April, 1995 inħatar kanonku tal-Kolleġġjata ta' l-Isla. Miet fl-4 ta' Frar 2002.



ISBN: 99932-616-8-8 PRODUZZJONI TAL-MEDIA CENTRE